
MONS SION
IN JERUSAL

Ir-Rħama

Li taħtha tinsab il-blata

Fejn Ġużeppi t'Arimatija

Dilek Ġisem Ġesù

Qabel ma qegħdu

Fil-qabar.



Il-Għaxar Sena | LULJU-SETTEMBRU, 1964 | Għadd 3.

"*Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes*"

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

**QARI**
**LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR**
**MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU**
**F'MALTA**

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

**Il-Ghaxar Sena** **LULJU-SETTEMBRU, 1964.** **Ghadd 3.**

X'FIH DAN IL-GHADD

It-Triq Wegħra u l-Bieb Dejjaq ! (Id-Direzzjoni) ... ... ... 65
Ġebel Libnan (P. Nazju Mancini O.F.M.) ... ... ... ... 66
Għaliex Kristu tal-Kalvarju Idu Sewda (Elsie) ... ...... ... 70
Pepprin Ikħal (Ġuża) ... ... ... ... ... ... ... 71
It-Talb tal-Misilmin (P. Bonaventura Qassis O.F.M.) ... ... 73
Kliem Meħud b'Ieħor fl-Evanġelju (Ben Jehuza) ... ... ... 75
Il-Għar tal-Ġetsemni (Fra Armando O.F.M.) ... ... ... ... 80
Ġesù Jiġġarrab mix-Xitan (P. Gwidu Schembri O.F.M.) ... ... 83
Fil-Mewt ta' Għasfur Ċkejken (P. Ġużeppi Cremona O.F.M.) ... 86
Il-Wetgħa ta' Hattin (P. Ġużeppi Cremona O.F.M.) ... ... ... 87
Iċ-Ċenaklu (Fra Kariton O.F.M.) ... ... ... ... ... 89
Festa tal-Familja Franġiskana Maltija ... ... ... ... ... 92
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 95
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... 96

*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# IT-TRIQ WEGHRA U L-BIEB DEJJAQ!

*Meta tagħmel xi ħâġa, jaqbel li jew tagħmilha sewwa, jew ma tagħmilha xej. Għax meta tagħmel ħâġa bir-rqajja' u bit-tiġbîd, m'hux talli xej ma tiswielek, talli tisfagħlek ta' ħsâra, lilek u lill-oħrajn. Ġesù n-nifsu, li hu l-Għajn tal-Għerf u l-Qdusija, wissiena fuq hekk meta qâl: "Liema râġel li jrid jibni borġ tal-għassa, ma joqgħodx l-ewwel iqis in-nefqa, li jewilla wara li jibda jibni, ma jkollûx flûs biex itemm? Jew liema sultân li jkun ġej għal fuqu sultân ieħor, ma joqgħodx jaħseb jekk b'għaxart elef jistâx jilqa' lil dâk li jkûn ġej fuqu b'għoxrîn elf?" (Luqa, XIV*, 28-32).

*Hekk fost l-Insâra qiegħed jiġri l-lum (u kien jiġri wkoll żmien ilu) Ħafna nies isibu wisq x'joghġobhom fid-Dîn li waqqaf Kristu, u jixtiequ li kieku jħarsuh; imma jsîbu wkoll fih omra jebsin u ħorox li jarawhom tqâl biex jaħmluhom, u jixtiequ li ma kienux hemm. Għal hekk jaraw kif jagħmlu biex jiżolqu minnhom, billi jgħidu li Alla ħanîn u malajr jaħfer, jew li Ġesù ma riedx ifisser dak li qal. Imma min jagħmel hekk, ikun jagħmel bluha kbira, għax la jkùn tas-sew Nisrâni, anqas galantom. Jekk taħrab ix-xogħol għax tqil, mela t'iex trid titħallas? Biex titħallas trid l-ewwel taħdem, u biex tidħol fil-*Ħajja ta' Dejjem *trid l-ewwel tgħaddi mill-*Mewt taż-Żmien; *biex tħassel il-ħlas li wiegħed Kristu fid-Dinja l-oħra, trid f'did-dinja toqgħod għall-omra tiegħu, għad li ħorox u jebsîn. Għax tkun Nisrâni jiġifieri tkun suldat fl-aqqall tal-gwerra. Din id-dinja hija l-għalqa tax-xitan (Ġwanni, XIV*, 30), *għal hekk, tkun Nisrâni jfisser li tkun ħalliel, li dħalt fil-għalqa tax-xitan, tisraqlu mielu u tħarbatlu xogħlu. X'tistenna, mela, mix-xitan? Tistenna qilla u tagħżîb biex iħallsek tal-ħsara li tkun għamiltlu. Ħares lejn Kristu n-nifsu, u l-qaddisin li ġew urajh. Liema wieħed fosthom li ma kienx maħqur? Ġesù kien imgħajjar u mmaqdar, u fl-aħħar maqbud u msallab. San Stiefnu kien imħaġġar, maqtul u mixħut f'miżbla, barra l-bieb ta' Ġerusalem. San Pawl għadda ħajtu mfittex għal qtîl, jiġġerra minn naħa għall-oħra, imħaġġar, imsawwat, mixħût il-ħabs kemm il-darba, sa kemm fl-aħħar qatluh. U hekk ukoll l-oħrajn.*

*Jgħarralek bl-ikrah, jekk tridha ta' Nisrâni u ddonn li dil-ħajja hija ħajja tax-xalâr. Ħażîn għalik, jekk int wieħed minn dik il-kotra, li għajr it-tpaxxija ta' ġisimhom ma jfittxux; 'l Alla jqisuh bħala raġel tal-ħanût, u d-dnub xiri bid-dejn, li jħallsuh b'xi sliema jew xi kredu, meta jmorru, bla ndiema, jgħidu x'għamlu lil xi Patri jew Qassîs. Jekk Ġesù qal li: "Wegħra t-triq, u dejjaq bieb il-Ħajja" (Matt. VII*, 13; *Luqa, XIII*, 24), *int jidhirlek li sa tgiddbu, u tiret il-Ġenna wara ħajja ta' tbahrît?*

*Mela: Jekk trid li tifdi ruħek, ħares l-omra ta' Ġesù kollha kemm huma, u jekk ma tridx, jaqbillek titlaq kollox u ma tħares xej. Ma' Ġesù ma hemmx triq tan-nofs: jew ħabîb, jew għadu (Matt., XII*, 30); *nofs 'l hawn u nofs 'l hemm, ma jistax ikun, għax: "Ħadd ma jista' jaqdi żewġt isjied" (Matt., VI*, 24; *Luqa XIV*, 13). *La ddumx, mela, u ara x'għandek tagħmel! La tħallix għal għada, għax għada ma jasal qatt!*

*ID-DIREZZJONI.*

# GEBEL LIBNAN

Xi tnaxer sena ilu, il-magħruf kittieb Franċiż George Duhamel, mar iżur il-pajjiż ta' Libnân għall-ewwel darba. L-Eċċellenza Tiegħu Bxara Halîl il-Hûri, li dak iż-żmien kien President ta' dik ir-Repùblika, meta mar ix-xatt jilqgħu, fost ħwejjeġ oħra qallu dan il-kliem: "Din l-art li qiegħed tirfes tista' tiftaħar b'antikità kbira, u b'Ċiviltà ta' żewġ xorta. Għax aħna għandna ċ-Ċiviltà tal-Ewropa, li tgħallimnieha minn ħbiebna, li aħna wisq ngħożżuha; u ċ-Ċiviltà tal-Asja, li writnieha minn misserijietna, li għaliha għandna qima kbira. Għalhekk din l-art tixbah lil fanâl tagħna, li meta jkun jixgħel bil-lejl, biex juri fejn hu l-port, jixħet id-dawl tiegħu, xorta w a ħ d a , lejn il-Għarb u lejn ix-Xerq".

Jekk toqgħod tqisu sewwa, dan il-kliem tal-President, issib li ħadd ma jista' jfisser fiċ-ċar u fil-qosor aktar minn hekk il-għilma tal-art Libnânija. Għax Libnân huwa pajjiż ta' tiżwiq, fil-bini tad-djar, fil-lingwa tan-nies u fi lbieshom, li meta tkun fih u tara dan kollu, tifhem mill-ewwel li hu taħlita ta' Għarb u Xerq, jiġifieri tal-Ewropa u tal-Asja flimkien. L-art infisha hija art ta' ġmiel li jgħaxxaq u jsaħħar: iġbla f ' n o f s l-art, u wetgħât fix-xtut. L-iġbla nfushom m'humiex kollha xorta waħda. Uħud minnhom miksija bis-silġ ibajjad, oħrajn miżgħuda bis-siġar u l-ħaxix iħaddar, oħrajn imbagħad magħmula taraġ-taraġ bil-ħbula tar-raba', drabi maħdum u aħmar, u drabi miżrugħ u mtektek bin-nwar ta' kull sura u lewn.



*Libnan — Siġar sbieħ iħaddru fuq l-iġbla, u fil-bgħid, firxa kbira silġ.*

Meta dak li jkun jasal mill-Ewropa f'Bejrût, kif imidd riġlu fiha, jaħseb li kull ma jgħidu n-nies fuq il-għażla li hemm bejn l-artijiet tax-Xerq u l-Għarb, huwa kollu tagħġib. F'Libnân hemm tas-sew ftit ħsejjes aktar milli jkun hemm fl-ibliet tal-Ewropa: għajjat fis-suq; daqq ta' ħorjnijiet tal-karozzi u ċempil tal-qniepen tat-trammijiet fit-toroq imma b'daqs hekk ma tistax tgħid li hemm għażla kbira bejn l-ibliet tal-Ewropa u Bejrut, għax il-ħsejjes li fiha, jinsabu wkoll f'ħafna bliet oħra fix-xtut tal-baħar Mediterrân. Wieħed li jkun ġej mill-artijiet tal-

Għarb, malli jidħol f'Libnân mill-ewwel jintebaħ li daħal f'art xorta oħra minn dawk li ġie minnhom, u jistħajjel li qiegħed fuq il-għatba tal-Ewropa, m'hux bgħid minnha wisq mijiet ta' mjiel.

Libnân fiha biċċa xogħol sabiħa għal min iħobb jistudja fuq il-ġnus tan-nies, lingwiethom u Djeniethom għax minn dawn, Libnân, fih ta' bosta xorta, billi l-qagħda tiegħu torbot flimkien l-Asja, l-Afrika u l-Ewropa. Kull ġens ta' nies li f'xi żmien kien jaħkem fil-Mediterrân, ħalla f'Libnân il-għeliema tiegħu. Nàhar il-Kelb, ifakkru wħud mill-gwerer li kellha tagħmel l-art ta' Libnân. H e m m il-Fargħuni tal-Eġittu u s-slaten tal-Babilonja naqqxu isimhom biex ifakkru lin-nies ta' wrajhom li huma għaddew minn hemm u rażżnu b'qawwiethom l-egħdewwa tagħhom. U l-lum flimkien ma' kitbiet ta' ilsna tal-Eġittu u tal-Babilonja u l-Greċja u Ruma, insibu wkoll kitbiet bl-ilsna ta' żmienna li jfakkru ġrajjiet qrib tagħna.

F'Libnân in-nies ma humiex maqsuma f'Partiti Politki bħal ma huma f'pajjiżi oħra; jiġifieri hemm ma jinghaddux b'Kommunisti u Demokratki u Liberali u Soċjalisti. F'Libnân in-nies jinqasmu f'Reliġjonijiet, jiġifieri: n-nies huma jew Insâra jew Misilmîn. Tarġa, l-Insara jinqasmu f'Kattolki u Ortodossi. U l-Kattolki f'Libnân jinqasmu f'seba' Riti (Griegi-Melkiti, Maroniti; Armeni, Kaldej, u oħrajn) u l-Ortodossi għandhom seba' Riti oħra. Il-Misilmin huma maqsumin fi tliet xorta biss: Sunnija, Xitija, u Druż.

Il-Misilmin, bħal issa f'Libnân jagħmlu xi nofs in-nies tal-pajjiż, għax żdiedu b'dawk li ħarbu mill-



*Bejrut — Il-Pjazza tal-Martri, li fiha jinsab il-monument li jidher fl-istampa l-oħra.*

F'artijiet oħra t-tifkiriet tal-istorja tal-antiki, jkunu mxerrda 'l hemm u 'l hawn, billi l-art tkun kbira. Imma f'Libnân, billi l-art żgħira, dawn it-tifkiriet jinsabu kollha qrib xulxin, donnhom ġewwa sala ta' Mużew. Il-medda tiegħu ta' 3,400 mil imrebbgħa, jinsab l-atar ta' xi għaxar xorta ta' ċiviltà ta' nies. Fil-għerien tal-iġbla ta' qrib il-baħar jinsabu bosta fdalijiet ta' nies preħistorki; m'hux biss tan-Neolitki, imma tal-Paleotlitki wkoll. It-tnaxer luħ tal-ħaġar bil-kitba fuqhom li jinsabu ma'tul ix-xatt tax-xmara msemmija

Palestina fi żmien il-gwerra tal-Għarab u l-Lhud.

Hekk, il-Ħakma ta' Libnân għandha x'taqsam l-aktar mar-Reliġjonijiet. M'hux mal-Partiti. Dak li f'pajjiżi oħra jkun immexxi mill-maġġuranza Politka ta' dawk li jagħtu l-vot, f'Libnân ikun immexxi mill-għadd ta' dawk li jagħmlu sehem minn dik jew din id-Djiena. U minn hekk jiġi li kif inhi magħmula l-Kostituzzjoni ta' dik l-art, il-President tar-Republika għandu jkun xin u jinħamlu sewwa u hekk qatt ma jfittxu li jagħmlu ħsara jew li jfixklu dawn lil dawk.

S'issa n-nies ta' Libnân, f'dik li hi Pulitka, ma daħlux fix-xejra tan-nies tal-Għarb l-oħra; għax in-nies ta' dak il-pajjiż huma magħmula hekk: li dejjem, u f'kollox, iqisu qjieshom u jaħsbu b'rashom, u ma jħallux lil min jiġbidhom 'l hawn u 'l hemm. Jafu li pajjiżhom huwa r-rabta ta' bejn l-Asja u l-Ewropa, jew ix-Xerq u l-Għarb, u hekk iridu jibqgħu.



*Bejrut — Il-Monument tal-Martri, fil-pjazza l-kbira.*

dejjem Nisrani-Kattolku ta'Rît Maronîta, billi minn dak ir-Rit jagħmlu sehem l-akbar għadd tal-Insara t'hemmekk. Il-President tal-Kunsill ikun dejjem Mislem, mill-qasma Sunnija, li fiha l-akbar għadd fost il-Misilmin ta' Libnân. U l-President tal-Assembleja tal-Parlament ikun dejjem Nisrani minn fost il-Griegi-Ortodossi. U hekk ukoll l-impjiegi kollha tal-Ħakma Libnanija, għandhom x'jaqsmu ma' dan il-għażil. Jiġifieri k u l l taqsima tad-Djiena għandha l-impjiegi kif il-għadd tan-nies li huma fiha. Imma għal kemm in-nies ta' Libnân huma ta' Djieniet magħżula, jiftehmu ħafna ma' xul-L-akbar għadd ta' dak il-poplu għandu rabta mal-Ewropa ta' Djiena, ta' Kultura, u ta' Ekonomija wkoll. Minn żmien ilu, u issa wkoll, hemm wisq aktar nies minn Libnân fl-Ewropa u l-Amerka, li huma artijiet bgħida, milli hemm fl-artijiet tal-Għarab, għal kemm huma fil-qrib. Il-ġibda li ġġiegħelhom imilu lejn l-Ewropa ma hix il-qliegħ tal-flus, imma l-imħabba lejn ir-Reliġjon. Għax l-Insara ta' Libnân jemmnu minn qiegħ qalbhom f'Alla, u l-atejiżmu ma kellu qatt il-ħila jmissilhom twemminhom. It-Tagħlim Nisrani fihom qawwi sħiħ. Ir-Rħieb barranin li bnew id-Djura tagħhom

f'Libnân huma aktar dewwejja tal-m a r d , u mgħallmin tal-iskejjel u s-snajja' milli Missjunarji tad-Din.

Min iħobb jistudja ċ-Ċiviltâjjiet il-qodma, fil-belt ta' Biblos, f'Libnân isib qatiegħ x'jitgħallem. Fil-ħerba tagħha, meta jkun idur waħdu, jist-ħajjel li jisma' 'l Astart tkellem lil Molok, u jara 'l Wens, tibki lil ħani-nha Adôn. Min iħobb il-qdumija Rumana jissaħħar meta joqgħod waħ-du jifli b'għajnejh il-kobor u l-ġmiel hom il-bidu tagħhom mill-ibgħad żmenijiet.

Għal kemm kif għedna l-ewwel, qrib nofs in-nies ta' Libnân huma Misilmîn, min imur hemm minn arti-jiet oħra jagħtih li jaħseb li jinsâb f'pajjiż kollu kemm hu Nisrani. Għax fuq il-għoljiet jara statwi ta' Kristu u tal-Madonna ta' qjies kbir, u fejn l-aktar li jidhru. U qisu f'kull triq li jgħaddi minnha jara knejjes Insara bil-kanpnari tagħhom għoljin. U dan



*Libnân — żewġ siġriet taċ-ċedru, mill-ftit mijiet li baqa' fuq l-iġbla. "Ċedru" bil-għarbi jgħidulha "għarż".*

tal-ħerba ta' Bagħal-Bek, u jibqa' mistagħġeb bis-saħħa ta' dawk il-bennejja li tellgħu ħaġar kbir bħal dak xi mitt sena biss wara Kristu, meta l-għodda li kellhom ma kellhiex x'taqsam ma' l-għodda tal-lum. Min iħobb jitgħallem fuq is-Salibijin, isib il-għaxqa tiegħu fil-fdalijiet tal-Kas-telli li bnew huma f'Libnân fis-seklu XII, li għad hemm għadd kbir minn-hom fix-xtut tal-baħar. U fl-aħħar, min iħobb jitgħallem fuq ir-Rħieb u l-ħajja tagħhom f'Libnân għadu issa wkoll isib minnhom qatiegħ li għand-m'hux fl-ibliet il-kbar biss, imma wkoll fir-rħula ż-żgħar, qalb is-siġar fuq l-iġnieb tal-għoljiet. Imma jekk xi ħadd li jkun f'Libnân u jara dawk il-knejjes kollha jaħseb li n-nies ta' dak il-pajjiż bl-iskrupli tagħhom jin-sew is-saħħa ta' ġisimhom, jitqarraq. Kif rajna wkoll qabel, din hija art ta' kull xorta ta' tiżwiq. Għal hekk ma' ġenb il-knejjes u d-Djura tar-Rħieb, għandek issib ukoll il-*play-grounds* u *Stadiums* għal *foot-ball* u taħriġ ieħor, u swali tal-*Gymnasium*, biex ġisem iż-żgħażagħ jibqa' f'saħ-

ħtu bħal ma tkun f'saħħitha r-ruħ. U qrib iċ-ċelel tal-Eremiti jinsabu mibnija Lukandi moderni li xej ma jagħmlu għajb lill-aqwa tal-Ewropa u l-Amerka għal kumdità u l-ġmiel. Hekk ukoll qrib l-iskejjel iż-żgħar, m i ż m u m a mir-Rħieb, hemm il-*Lyceum* u żewġ Universitajiet kbar mill-aħjar.

Is-siġar taċ-ċedru fl-antik kienu l-libsa wisq imsemmija tal-iġbla ta' d i k l-art imfaħħra; imma l-lum, minn dawk is-siġar ma baqax ħlief ftit mijiet fuq l-għoljiet ta' qrib il-belt ta' Tràblos. Hekk, kif rajna, mela, Libnân huwa l-pajjiż tal-ħolm, art imdawwla, imqegħda bejn żewġ dinjiet, fejn jaħbtu ma' xulxin l-istejjer tal-waħda u tal-oħra. Libnân bħal ma jgħidu, hija l-art maħluqa għal poëti, għall-artisti, għall-qaddisin, u għar-Rħieb.

Patri NAZJU MANCINI O.F.M.

## GHALIEX KRISTU TAL-KALVARJU IDU SEWDA

Meta jien kont Ġerusalem, f'Marzu u April tas-sena l-oħra, kont inħossni wisq għal qalbi meta nitla' fuq il-Kalvarju, wara nofs inhar, u nagħmillek hemm dik in-nofs siegħa jew siegħa bil-kuruna f'idi ngħid xi sliema fil-kappella bil-qegħda fuq bank u nħares u nosserva. Darba ntbaħt li l-Kurċifiss il-mimdud tal-inkwatru tal-mużajk tal-artal tal-Franġiskani, kellu id bajda u id sewda. U qgħadt naħseb u nara nistax nifhem kif l-id ta' taħt kienet sewda hekk; għax ma kienx hemm raġuni li min ħadem il-mużajk għamilha sewda għal bilgħan.



*Il-Kurċifiss il-mimdud.*

Imma ma domtx wisq naħseb, għax it-tifsira ġiet weħedha !

Tala' raġel jinvista. Irodd is-slaleb wara xulxin u jixħet il-bews bir-rfus, lix-xbihat tal-inkwatri kollha. Resaq lejn il-Kurċifiss il-Mimdud, bell żewġt iswaba' fiż-żejt tat-tazza li għandu mixgħula quddiemu u għamel xi tliet slaleb bihom fuq ġbinu. Imbagħad mesaħhom max-xagħar ta' rasu u medd idu u beda jbus id il-Kurċifiss ! Mela b'hekk id il-Kurċifiss kienet sewda: għâx in-nies ibusuha b'subgħajnhom imċappsin biż-żejt.

(*Elsie*).

# PEPPRIN IKHAL

Fuq għatba ta' waħda mid-djar iż-żgħar ta' Nazaret, darba fil-għodu, kien hemm bil-qegħda tifel ċkejken, b'żir ma' ġenbu. Kien qiegħed jistenna 'l ommu, li kienet qorbot biex teħles minn tindif il-għorfa, biex imur magħha bħal ma dari, hi bil-ġarra u hu biż-żir, fuq il-għajn, iġibu l-ilma.

It-tifel, kif kien bil-qegħda, beda jħares 'l hawn u 'l hemm, fuq l-imrâġ u l-egħlieqi ta' qrib darhom, fejn kien hemm qatiegħ ħaxix aħdar u dewwidija fjuri żgħar, bojod, sofor, roża u ħomor. Kien hemm ukoll ħrieġi ta' pepprin: pepprin aħmar u pepprin abjad, ixejjer mar-riħ il-fjuri tiegħu, donnu qiegħed jiżfen, fil-għors ta' xi għarusa. It-tifel qam; ħalla ż-żir fuq il-għatba u mar naqra bgħid, u resaq lejn ħarġa pepprin, u tbaxxa jħares. Kif kien ilu hemm ftit ħarġet ommu, u kif ratu għajtitlu. "Ġesù", qaltlu, "jiena sejra fuq il-għajn; int ġej miegħi, nġibu l-ilma?"

It-tifel dar, u, "Ġej mâma!" qalilha, u tala' jiġri, qabad iż-żir minn fuq il-għatba u mar jilħaq 'l ommu, u baqa' sejjer magħha, jimxi ma' ġenbha. "Mâ," qalilha. "x'jgħidulhom dawk il-fjuri ta' hemm, bojod u ħomor?"

"Liema fjuri, ħanini?" saqsietu l-mâma.

"Dawk ta' hemm, ara. Hemm minnhom ħafna."

"Eh, iwa. Dawk jgħidulhom pepprin. Jagħmel wisq minnhom din in-naħa. Dejjem inħares lejhom jien u għaddejja minn hawn għal fuq il-għajn. U dejjem tiġi f'rasi ħsiba waħda."

"Xi ħsiba tiġik, mâ?

"Kull darba naħseb li mal-aħmar u l-abjad jonqos lewn ieħor, biex itemmu u jkunu tlieta. Għax abjad, l-ilma, jixbaħ lix-xita; aħmar, in-nar, jixbaħ lil beraq; jonqos l-ikħal, lewn is-sema, li l-beraq u x-xita jiġu minnu."

"Tas-sew, mâ! Tas-sew, li qegħda tgħidli. Kemm ikun jixraq, kieku kien hemm il-pepprin ikħal, mal-abjad u l-aħmar!" U t-tifel dawwar wiċċu lejn l-għalqa, miksija pepprin abjad u aħmar, ixejjer mal-fewġa l-fjuri tiegħu, donnu jsellem lilu u 'l ommu.

Waslu fuq l-għajn u stennew naqra sa kemm mess lilhom. Meta messhom, Mirjam, omm it-tifel, imliet il-ġarra tagħha, imbagħad iż-żir tat-tifel, u għabbietulu fuq kitfu. Hi refgħet il-ġarra tagħha fuq rasha, u telqu. It-tifel beda jgħaġġel u jagħned 'il quddiem, donnu kellu xi ħsieb f'rasu. "Ġesù!", għajjtitlu minn wara ommu, "il-bieb maqful; ma tistax tidħol. Istennieni ftit hemm, ħalli nagħtik il-muftieħ, jekk int imgħaġġel. Hawn hu, ħâ; ħalli nixħtu n-naħa tiegħek!"

It-tifel dar u ħares lura. "U le, mâ! "qalilha." Issa nħalli ż-żir ħada l-bieb, u daħħlu inti!" U kif qal hekk baqa' sejjer. Wasal ħada bieb id-dar, niżżel iż-żir minn fuq kitfu, qegħedu fuq il-għatba, u telaq.

Niżel fil-wied iż-żgħir ta' ħdejhom, resaq lejn ħarġa pepprin abjad, u qagħad qawqbijiet ma' ġenbhom, u beda jmellsilhom u jkellimhom. "Lilkom jgħidulkom pepprin," qalilhom, "naf, għax qaltli ommi." U l-pepprin kollu ċaqlaq rasu mal-fewġa, donnu ried jgħidlu "Iwa, iwa, iwa!" U t-tifel raġa': "Hawn kotra minn-

kom ħomor, u kotra akbar minnkom bojod; ommi qaltli li intom sbieħ, u hi tħobb ħafna tħares lejkom, imma kontu togħġbuha aktar kieku kien hemm fostkom ukoll il-koħol." U l-pepprin baqa' dejjem ixejjer rasu b'egħliem ta' iwa. "Mela issa, jiena rrid, għax hekk jixraq," baqa' jgħid it-tifel, "li lwienkom ikunu tlieta: aħmar, abjad u ikħal, u ommi wkoll hekk qaltli, u qaltli sewwa, għax hi dejjem tħares lejkom u titgħaxxaq bikom, meta tgħaddi minn hawn biex timla l-ilma." U Ġesù kif qal hekk, qam u mar f'nofs il-ħarġa l-bajda, u medd idu u qal lil pepprin l-abjad: "Irrid li minn hawn 'l hemm, il-lewn tagħkom isir ikħal." U beda jonfoħ fuq il-pepprin l-abjad, lil din, u lil dik, in-naħa. U man-nifs ta' Ġesù il-pepprin l-abjad beda jieħu l-lewn kaħlani; u mat-tielet nefħa, sar ikħal għal kollox, minn lewn is-sema!

"Imberkin intom!" qallhom iċ-ċkejken, u fetaħ idejh għal fuqhom. "Ibqgħu koħol għal dejjem. Agħmlu ż-żerriegħa, u jinbet minnha l-pepprin li jagħmel fjuri koħol, tifkira tal-għażiża ommi!"

U t-tifel qata' seba' fjuriet millpepprin l-ikħal, u tala' lejn id-dar jurihom 'l ommu. Kienet qegħda ħada l-bieb, tiġbor il-ħwejjeġ, minn fuq ħabel marbut mill-ħajt tad-dar, għal zokk ta' siġra. It-tifel resaq. "J'ommi," qalilha. "Xewqtek maqtugħa! Hawn, ara; pepprin ikħal!"

U Mirjam ħarset, u stagħġbet, u ħadet is-seba' fjuriet koħol f'idha, u ħarset lejhom kollha ħienja. "Ibni," qalet lit-tifel, "niżżik ħajr! Int dejjem tisma' talbieti." U bil-pepprin l-ikħal f'idha, għannqet lil binha magħha, u besitu seba' bewsiet, daqs kemm kienu l-pepprinet koħol li ġebilha; tliet bewsiet fuq ħaddu l-lemin, tlieta fuq ħaddu x-xellug, u waħda, tal-aħħar, fuq fommu. U hekk issawwar il-Pepprin l-Ikħal.

ĠUŻA.

# IL-WATAR

Darba kien hemm raġel idoqq it-tajjar, u l-mara tiegħu, meta ma kienx jisma' minnha, kienet tħoll il-watar tal-qaws li jdoqq it-tajjar bih, u sawsu b'dak il-watar. Il-ġirien kollha kienu jafu b'dan, imma huwa kull meta kienu jsaqsuh,d ejjem ċaħad, għax ma kienx irid juri li huwa jibża' mill-mara. Imma kien wieħed ħabib tiegħu darba li għamel imħatra li jġiegħlu jgħid is-sewwa.

Stiednu għandu għall-għaxa, u wara li kielu, lilu u lill-mistednin l-oħra, sid id-dar qagħad idawwarhom il-kmamar. F'kamra minnhom, mas-saqaf kien hemm imdendelin ħafna oħtra, ħatar eħxen mill-ieħor. Il-mistednin saqsew lil sid id-dar: "Dawn l-oħtra kollha għal fejn qegħdin hawn?" Weġibhom "Dawk qegħdin hemm biex il-mara ssawwatni bihom. Jekk nagħmel xi ħtija żgħira, issawwatni bil-ħatar irqiq, jekk ftit akbar, bil-ħatar ftit eħxen, u jekk nagħmel xi ħtija kbira, issawwatni bil-ħatar l-oħxon nett". Meta sama' dan, dak ir-raġel tal-ewwel, rafa' għajnejh lejn is-sema u qal: "Niżżik ħajr, ja Allah!" Saqsieh sid id-dar: "Għaliex iżżejt ħajr 'l Allah? U dak wieġbu: Għax martek lilek, issawtek bil-ħatar, u marti lili ssawwatni bil-watar!" U hekk sar qawl; meta r-rġiel Misilmin jitħaddtu fuq in-nisa tagħhom, jgħidulek: In-nisa xorta waħda kollha kemm huma; meta r-raġel jerħilhom, jekk ma jsawwtuħx bil-watar, isawtuh bil-ħatar!"

# IT-TALB TAL-MISILMIN

Il-kelma "Mislem", tfisser: *Wieħed, li telaq ruħu għal kollox f'idejn Alla*. Għal hekk, it-talba tal-Misilmin, hija: stqarrija ta' għaqda u ta' twemmin sħiħ f'Alla; u ta' wegħda li dak li jkun irid jgħix bir-reqqa, ħajtu kollha, bħala Mislem li tas-sew jemmen. Dan it-twemmin, u din it-telqa għal kollox f'idejn Alla, jingħaqdu flimkien f'talb meqjus; talb, li jagħmluh il-koll flimkien, jew kull wieħed għal rasu (kull ħadd kif ikun jista'), imqassam f'ħames qasmiet ma'tul in-nhar; jiġifieri: fil-għodu bikri; f'nofs inhar; bejn nofs inhar u nżul ix-xemx; fil-għasar, u fil-għaxija (Qoran, Sura tal-Baqra, vers 238). Dan, it-talb, għal Misilmin, barra milli hu r e f g ħ a tal-ħsieb lejn Alla, huwa wkoll egħmil, ta' xeħta Xerqija, tal-ishma tal-ġisem, li aħna sa nsemmu hawnekk.

Meta nifthu l-Qoran, inisibu dan il-kliem fuq kif għandu jsir it-talb: "Ja lilkom li temmnu, meta tkunu sa ssellu, aħslu wiċċkom u raskom; u jdejkom sa minkbejkom, u riġlejkom sa għaksietkom" (Qoran, Sura tal-Mejda, vers 9). Billi l-Qoran huwa wiesa' wisq, u bla tifsir irqiq fuq x'wieħed għandu jagħmel, it-Teolgi Misilmin, li huma biss għandhom il-jedd li jfissru l-kliem tal-Ktieb Imqaddes, kitbu ktieb ieħor, bħala *ċerimonjal*, li fih jinsab imfisser kif dan il-ħasil għandu jsir sew, kif sa ngħidu hawn taħt.

Il-Mislem, qabel ma jinħasel, għandu jagħmel att ta' qima 'l Alla b'dan il-kliem li ġej: "Nifhem, li sa ninħasel biex nogħġob 'l Alla; u f'Isem Alla, li jagħder u jhenn". U quddiem l-ilma, li juri bħal mera, u li hu wisq għażiż fix-Xerq, għax ilma ma hemmx bosta, jgħid dan il-kliem: "Niżżi ħajr 'l Alla, talli ħalaqni fil-ġnien tad-Din Mislem, u talli tani dan l-ilma fejjiedi, li jnaddafni minn dnubieti". Imbagħad joqgħod qawqbijiet, jarfa' ftit ilma b'idu l-leminija, u jgħid dan il-kliem taħt leħnu: "Tifħir 'l Alla li jsaffi mid-dnub". Huwa u jaħsel wiċċu jgħid hekk: "Għamilt f'rasi u qtajt li ma nagħtix qima ħlief 'l Alla wieħed, kif jamar id-Din, li għal ħniena t'Alla, fih ninsab jiena". Imbagħad jaħsel idu l-leminija, mis-swaba' salminkeb, u jgħid: "Ja Alla, qiegħed il-ktieb ta' għemili f'din l-id, fil-jum il-Kbir, tal-Ħaqq minn tiegħek! U agħmel li f'dak il-jum, jidħol għalija n-Nèbi quddiemek!" U hu u jaħsel idu x-xellugija, jgħid hekk: "Ja Alla, nitolbok li ma tqiegħedx il-Ktieb ta' għemili f'din l-id il-midinba!"

Dawn iż-żewġ talbiet għandhom x'jaqsmu mat-twemmin tal-Misilmin, li l-għemil kollu li l-bniedem jagħmel f'ħajtu, jinkiteb fi ktieb, li Alla, Imħallef fuq kull ħadd, wara li jaħtmu, jagħti lil kull wieħed fl-aħħar tad-dinja. Jekk dak li jkun ikollu aktar għemil tajjeb milli għemil ħażin, Alla jagħtih il-ktieb f'idu l-leminija; imma jekk ikollu aktar għemil ħażin milli għemil tajjeb, jagħtihulu f'idu x-xellugija. Bis-saħħa ta' dan il-ktieb, il-kuffâra (jiġifieri dawk li ma jemmnux), u dawk li jqimu Allat qarrieqa, u kull xorta ta' nies ħżiena, ijkunu mixħuta fil-maħraq tan-nar, fost uġiegħ bla qjies. Waqt li dawk li jemmnu, u n-nies it-tajba, jidħlu ferħana fil-ġnien tal-hena, fejn hemm widjien ta' ilma ġieri, siġar sbieħ mogħnija b'kull xorta ta' frott,

u għejjun ta' ilma safi ħiereġ minn ġewwa l-blat; u xebbiet ta' ġmiel tal-għaġeb b'għajnejhom suwed u bi mġiba li ssaħħar, li ma jixjieħu qatt. Dan ikun il-ħlas li Alla jagħti lil dawk li tas-sew jemmnu, ta' kemm batew għalih u għad-Din tiegħu, f'din il-ħajja.

Il-ħasil tar-ras ma jsirx mill-Misilmin kollha xorta waħda. Hemm uħud li jaħslu rashom kollha, u huma u jaħsluha jgħidu: "Nitolbok Mulejja, li tilqagħni f'Saltnatek, f'dak il-jum tal-biża'." Oħrajn jaħslu biss ix-xagħar ta' fuq xbinhom; għax hi ħaġa li l-Misilmin kollha jemmnuha li minn dik it-troffa xagħar ta' quddiem, il-Profeta Muħammed għandu jtellagħhom is-sema. U lil dawk li jkunu fratas, itellagħhom mil-leħja.

Fil-bqija tal-ħasil, il-Misilmin kollha jaqblu. Il-Mislem, gaħndu jaħsel widnejh tliett darbiet, u hu u jaħsilhom, jgħid hekk: "Jingħata tifħir lill-Alla li jsaffi mid-dnub" Jaħsel ukoll imnifsejh u jiġbed tliett darbiet l-ilma fihom minn idu l-leminija, u jgħid: "Ja Alla, nitolbok li ġġigħelni nxomm il-fwieħa tal-fjuri tal-ġnien tiegħek!" Imbagħad jinża' x-xedd minn riġlejh u jaħsilhom sal-għekiesi. U hu u jaħsel riġlu tal-lemin, jgħid hekk: "Nitolbok, ja Alla, li ssaħħaħli dan ir-riġel, biex bih nimxi fit-triq tal-ħelsien". U waqt li jaħsel riġlu tax-xellug, jgħid dan il-kliem: "Nitolbok ja Mulejja, li tmexxili wkoll dan ir-riġel sewwa, għal kemm hu riġel ħażin, fit-triq imqaddsa tiegħek". Kif jgħidu t-Teolgi Misilmin, dawn it-talbiet ma għandhomx jinagħdu bħala ħtieġa, u min iħallihom ma jagħmel ebda dnub. U hemm minnhom min jibdilhom ma' xi talb ieħor, kif jogħġob lilu.

Jekk wieħed Mislem isib ruħu fix-xôri fejn ma jkunx hemm ilma, għandu jitlob l-ilma tliett darbiet, billi jgħajjat: "Ilma!... Ilma!... Ilma!..." Jekk ma jwieġbu ħadd, u jibqa' bla ilma, jista' minn bdiel ilma jinħasel bir-ramel jew trab nadif, bħalli kieku kien ilma. Malli jagħmel dan, il-Mislem, bla telf ta' żmien, jibda t-talba tiegħu mamûra jew *ikkmandata* mill-Qorân. Jekk waqt li jkun iselli jitniġġes b'xi ħaġa, bħalli kieku jgħaddi kelb minn quddiemu, għal kemm dan jiġri bla ma hu jrid, dak li jkun għamel ma jkunx jiswa, u jkollu jibda kollox mill-ġdid.

Dan it-talb, imsieħeb minn dan il-ħasil, huwa amar, jew *kmandament* tajjeb, mogħti minn Muħammed lil dawk li jħarsu d-Din tiegħu, biex iżommu fis-saħħa ruħhom u ġisimhom, billi l-indafa tal-ġisem u l-indafa tal-ħsebijiet huma ħaġa wisq meħtieġa biex in-nies jgħaddu 'l quddiem fit-timdîn jew *ċiviltà;* u billi wisq mill-Għarab fi żmien Muħammed kienu jgħixu fix-xori ġemgħa-ġemgħa weħedhom, jagħmlu kull ma jidhrilhom; għal hekk huwa tahom dan l-amar, tal-ħasil u t-talb 'l Alla, il-koll bħal xulxin, biex iżommu ruħhom magħquda f'poplu wieħed bi drawwiet waħda. Il-lum fost il-Għarab hemm xewqa kbira li jiġġeddu u jitgħallmu, għal hekk issa f'kull belt u f'kull raħal fejn ma hemmx knisja tagħhom qegħdin jibnu waħda; knisja sabiħa b'mejdân jew *minaret* għoli u rqiq tiela' lejn is-sema bħala xbiha tat-talb ta' dawk li jemmnu. Minn fuqhom il-*loud speakers* isejjħu lil Misilmin ħames darbiet kull jum għat-talb, li jserraħ il-qalb u jnaddaf il-moħħ. U jiġbed ir-ruħ lejn Dak li ħalaqha.

Patri BONAVENTURA QASSIS
O.F.M.

# KLIEM MEHUD B'IEHOR FL-EVANGELJU

Sentejn ilu, f'żewġ ħarġiet ta' dan il-Qari (2 u 3 tas-sena 1962), ktibna xi ħaġa fuq xi kliem li hemm fl-Evanġelju, li kif inhu issa jidher għarîb, għal hekk aktarx li min qalbu mill-Arâmi għal Grieg (qlib li sar bikri ħafna), ma fehmux sewwa, u qalbu ħażin. Din id-darba wkoll sa naraw, fil-qosor u bil-għaġla, x'erba' kelmiet minn dawna, biex jibqgħu miktubin, għax ma tafx kif wara żmien għadx jiltaqa' magħhom xi ħadd u jiflihom sewwa, u jekk jidhirlu li jaqbel, jaħdimhom aħjar. "Il-miktub m'hux maħrub", jgħid il-Malti. Did-darba, imma, m'iniex sa nikteb kelmtejn ta' daħla. Id-daħla tad-darba l-oħra tiswa għal did-darba wkoll. Mela, nibdew bil-qajl.

1. Meta Ġesù safa lil dak l-imġiddem (Mark I, 40-45; Matt. VIII, 1-4; Luqa V, 12-16) u bagħtu Ġerusalêm juri ruħu lil qassisin, dan qalilhom kollox fuq dak li kien sfieh minn ġdiemu, u huma bagħtu lil Kittieba u l-Faresin biex jaraw Ġesù x'inhu jagħmel u jgħallem, u jeqfulu kemm jista' jkun. Kif waslu sabu xi jgħidu f'Ġesù erba' darbiet wara xulxin: l-ewwel, għax lil magħtub qallu: "Tkun maħfur minn dnubietek'' (Mark II, 1-12); it-tieni, għax mar jiekol għand Lewi, wieħed Għaxxâr (Mark II, 13-17); it-tielet, għax lil xi nies li kienu miegħu ħalliehom ifarrku ftit sbul u jieklu l-qamħ nhar ta' Sibt (Mark II, 23-28); u r-raba' għax saħħaħ raġel li kellu idu jiebsa nhar ta' Sibt ukoll (Mark III, 1-5). Għal hekk, l-aktar fuq dil-ġrajja tal-aħħar, lil Faresin telagħlhom għal kollox, qatgħu li joqtluh u jeħelsu minnu malajr. U (kiteb san Mark) kif Ġesù għaraf dan, *telaq minn hemm u mar lejn il-baħar.*

Hawn aktarx li hawn kelma mehuda b'oħra. Għax Ġesù kien f'Kafar-Nahum, belt żgħira mibnija ma' tul xatt il-baħar (il-baħar tal-Galîl). Kif jista' jkun li Ġesù minn *ħdejn* il-baħar imur *lejn* il-baħar? Jekk inhu hekk, jiġi li ma ċċaqlaq xej minn fejn kien. Tarġa', meta Ġesù darba oħra ra li kien f'tiġrib il-mewt qabel il-waqt (bħal wara l-qtil ta' Ġwanni l-Għammiedi), f i d *-deżert* warrab, m'hux *lejn il-baħar.* Mela, naraw nistgħux nifhmu fil-b i d u x'kien hemm miktub sew.

L-ilsna Xemija, fi żmien Kristu u għal mijiet ta' snin wara, kienu jinkitbu mingħajr vokali, jiġifieri, konsonanti biss. Hekk, *baħar* kienet tinkiteb: BHR; u *barr*, jiġifieri: *deżert*, kienet tinkiteb *BRR.* Kemm hi ħaġa ħafifa li dak li jkun jieħu l-kelma "brr'' bħala "bħr"! Sewwa jekk kien itenni kitba minn fuq kitba oħra, u sewwa jekk xi ħadd kien jaqralu u hu jikteb, li l-kelma BRR jiktibha BHR, hija ħaġa ta' xej. Għal hekk jidher li l-kliem: "Ġesù telaq lejn il-*baħar*", li naqraw il-lum, fil-bidu kien miktub: "Ġesù telaq lejn il-*barr*".

2. Il-għalta li semmejna fuq, donnha ġiebet għalta oħra wrajha, għax ftit wara hemm kelma oħra, aktarx mibdula, kif naraw hawn taħt.

Meta Ġesù telaq u mar lejn il-barr, **marru miegħu ġemgħa kbira ta' nies.** U san Mark (II, 7-12) jgħidilna xi ġrajjiet ħelwin: li n-nies bdew jitteffgħu u jaqalgħu 'l xulxin biex imissu lil Ġesù, għax malli jmissuh

kienu jfiqu minn kull marda, kbira jew żgħira, li kien ikollhom. U li Ġesù qabbad lill-Ixirka tiegħu "jagħmlulu dgħajsa" minn ħabba n-nies, biex ma jrossuhx. Il-kelma aktarx meħuda b'oħra, hawnekk, hija l-kelma "dgħajsa"; ejja niflu l-ħaġa ftit.

Jekk Ġesù kien fil-barr, jiġifieri fid-deżert, bħal ma aktarx, dik li issa miktuba dgħajsa, m'hux dgħajsa kienet, għax dgħajjes ma jkunx hemm fid-deżert. Jekk kien tas-sew ħdejn il-baħar, la darba n-nies kienu jitfgħuh minn kull naħa, mela m'hux f'xifer ix-xatt kien, imma 'l ġewwa fuq l-art; għax li kien fuq ix-xatt, kienu jitfgħuh minn naħa waħda, u jaqalbuh fl-ilma. Imma hawn ukoll, minn nofs ir-rassa tan-nies, dgħajsa ma kenitx tiswielu, għax bir-rassa ma kienx jista' jitlaq jiġri u jaqbeż fiha. Mela m'hux dgħajsa qalilhom jagħmlulu lill-Ixirka, imma xi ħaġa oħra, "biex in-nies ma jrossuhx".

Bil-lingwa tal-Palestina, *dgħajsa żgħira*, jgħidulha QAREB (ara xi dizzjunarju Għarbi), u ħaġa biex iżżomm in-nies imwarrbin, jgħidulha WAREB. Hawn għandu jkun il-għelt. Ġesù qal lill-Ixirka jagħmlulu *wâreb*, jiġifieri joqogħdu huma ma' dwaru, id f'id, ħalli jżommu lin-nies *imwarrbin* minnu, biex ma jrossuhx; u xi kopista, *wâreb*, qraha *qâreb*, u kitibha hekk, u baqgħet sejra tinkiteb hekk sal-lum.

3. Darba oħra, aktarx wara nofs inhar, Ġesù ħareġ mid-dar ta' san Pietru u qagħad bil-qegħda qrib il-baħar. Inġemgħu ma' dwaru ħafna nies u hu qam u tala' fuq dgħajsa u beda jgħallimhom minn fuqha, u huma weqfin fuq ix-xatt. U dam biċċa ħin ijgħallimhom, sa kemm sar fil-għaxija. Ġesù kien għajjien u ried jistrieħ ftit. Imma kieku mar id-dar ta' san Pietru, in-nies kienu jmorru wrajh hemm, u jriduh joħroġ ijgħallimhom, bil-lejl ukoll. Għal hekk qal lill-Ixirka tiegħu: "Ejjew ngħaddu għan-naħa l-oħra tal-baħar". U telqu U miktub ukoll (fl-Evanġelju ta' San Mark biss, K. IV, v. 36) "li kien hemm *dgħajjes* oħra miegħu". U kif kienu f'nofs il-baħar u Ġesù rieqed fil-poppa, qamet tempesta kbira li kienu u kollox sa jegħerqu, li Ġesù ma waqqafhiex! Issa hawn wieħed isaqsi: "X'sar minnhom id-dgħajjes l-oħra, li miktub li kien hemm miegħu? Reġgħu lura? Għerqu? Kif ma jissemmew aktar xej?".

Hawn jidher ukoll li hawn kelma meħuda b'oħra. U x'kienet din il-kelma tifhem, meta taqra din il-ġrajja kif kitibha san Mattew (VIII, 18-23) u tqabbilha ma kif kitibha san Luqa (IX, 58-60), u tkun taf il-lingwa tal-Palestina m'hux ħażin.

Rajna l-ewwel li *dgħajsa* jgħidulha *qâreb*, li l-plural tagħha, hu *qawâreb*. U *barrani*, jgħidulu *għarîb*, li l-plural tiegħu hu *għawâreb*. Hekk, aktarx li fil-bidu, fl-Evanġelju ma kienx hemm miktub li ma' Ġesù kien hemm *qawâreb* (dgħajjes żgħar), imma *għawâreb*, jiġifieri nies *barranin*, li ma kienux Ixirka. U dawn il-barranin huma msemmija sewwa minn san Mattew: kienu tnejn, wieħed li ried imur minn rajh ma' Ġesù, u ieħor li Ġesù għajjatlu biex imur miegħu (ara san Matt. VIII, 19-22). U hekk, bit-taqbil flimkien ta' san Mark u san Mattew, sirna nafu ħaġa ġdida, li ma hi miktuba ċar f'ebda Evanġelju: li dak il-Kittieb li qal lil Ġesù li jrid imur miegħu, ħadu tassew miegħu; u l-ieħor, li Ġesù qallu: "Ejja miegħi," mar ukoll, u kienu

miegħu fid-dgħajsa waqt it-tempesta. (1)

4. Għedt qabel li san Mattew semma liż-żewġ *barranin*, li kien hemm fid-dgħajsa ma Ġesù u l-Ixirka tiegħu. Fin-naqra ta' djalgu li semma san Mattew bejn Ġesù u wieħed minnhom, kif naħseb jien, hemm ukoll żewġ kelmiet maqluba ħażin, u la darba qegħdin nitħaddtu fuq hekk, aħjar nifluhom naqra.

Kiteb san Mattew li meta Ġesù amar lill-Ixirka tiegħu li jaqsmu l-baħar għan-naħa l-oħra, kien hemm wieħed Kittieb fuq ix-xatt u qallu: "Mgħallem, irrid niġi miegħek kull fejn tmur". U lil wieħed ieħor għajjatlu Ġesù minn rajh u qallu "Ejja wrajja", u dak wieġbu "Mulej, ħallini l-ewwel immur nidfen lil missieri!" U Ġesù raġa': "Ejja wrajja, u ħalli l-mejtin jidfnu l-mejtin tagħhom!" (2)

Żewġ kelmiet (*nidfen* u *mejtin*) imqegħda kif inhuma fl-idwar jew *ċirkostanzi* li semma san Mattew huma improbabli għall-aħħar. L-ewwel: għax wieħed li għandu missieru mejjet id-dar, m'hux sa jinsab mal-ġemgħa tan-nies jitlajja fuq ix-xatt. It-tieni: biex iġorru mejjet mid-dar u jidfnuh iridu dejjem dik is-siegħa żmien, u m'hux ta' min jaħseb li dak ix-xebb danna li Ġesù sa jdum jistennieh daqs hekk. It-tielet: jekk ma tkunx għal xi ħtieġa kbira, il-Palestina, ma jidfnux mejtin fil-għaxija; ir-raba': li mejjet jidfen mejjet hi ħaġa li ma tistax tkun, u Ġesù ma kienx imdorri jgħid tixbiehat ta' ġrajjiet li ma jistgħux jiġru (3). Għal hekk jaqbel li niflu ftit il-ħaġa u naraw x'sata' qallu sewwa Ġesù lil dak ix-xebb, biex jekk hemm xi għelt insewwuh.

Il-verb *difen*, fil-lsien tal-Palestina huwa *qabbar;* għal hekk, il-kliem: "Ħalli l-ewwel nidfen lil missieri" jiġi: "Ħalli ewwel *eqabber* abbi". Imma jekk inbiddlu ittra waħda, il-"q" nagħmluha "ħ", it-tweġiba taxxebb tiġi naturali u kull improbabiltà tisfa fix-xej. Ix-xebb hekk wieġeb lil Ġesù: "Ħalli ewwel *eħabber* abbi!" (4) jiġifieri: "Ħalli l-ewwel *inħabbar* lil missieri", ngħidlu li jien ġej miegħek, biex ma joqgħodx jaħseb ġralix xi ħaġa, jarani ma mortx id-dar bil-lejl, u ma jkunx jaf fejn jien.

U fit-tweġiba ta' Ġesù aktarx li hemm ukoll kelma meħuda b'oħra. Il-kelma *mejtin*, bil-Palestini (u bil-malti wkoll) hija *amwât*. Jekk inbiddlu l-"m" ta' dil-kelma u nagħmluha "ħ", tiġi *aħwât* (jiġifieri *aħwa*). Jekk inhu hekk, Ġesù qal lil dak ix-xebb: "Ħalli l-*aħwât jeħabbru aħwâthom*", jiġifieri: Ejja miegħi, ħalli int li int Lhudi, tħabbar l-Evanġelju lil ħutek l-oħra: il-Lhud".

5. Wara dan, miktub fl-Evanġelju ta' san Mark (IV, 37-38) li Ġesù rikeb id-dgħajsa, mal-Ixirka tiegħu, u telqu. U l-baħar qam, u l-mewġ beda jgħatti d-dgħajsa u l-ilma beda dieħel fiha, u kienu hekk u kollox sa jegħerqu; imma Ġesù kien fil-poppa tad-dgħajsa, rieqed fuq *imħadda*.

Jekk taqra dan biex taqra biss, m'hux biex tifhem u temmen, tibqa' għaddej, u ma tara xej għarîb. Imma jekk taħseb, tifhem li *mħadda* ma darîx tinsab ġewwa dgħajsa. Imħadda hi bħal ċurniena żgħira moħxija b'xi ħaġa ħâwja — tiben tal-oħxon, suf tal-ingħaġ, jew weraq niexef tal-qamħ ir-Rum — dgħajsa tkun dejjem ġewwa l-baħar u ftit jew wisq dejjem jidħol fiha l-ilma. Hekk, imħadda malajr tixxarrab; u meta tixxarrab, billi ħoxna u ratba, iddum

ma tinxef qatiegħ. Għal hekk, dik li Ġesù kellu taħt rasu, li miktuba *mħadda* m'hux imħadda kienet, imma xi ħaġa oħra. Issa naraw nistgħux naqbdu dik il-ħaġa x'kienet tas-sew.

Imħadda, bil-Grieg, jgħidulha *proskefalaion*, jiġifieri, ġejja mill-kelma *kefale*, li tfisser *ras*, għax meta dak li jkun jorqod, iqiegħed rasu fuqha. Imma bil-lsien Palestini u Malti, ġejja minn *ħadd*, għax meta nimteddu, inqegħdu *ħaddna* fuqha. Bil-Palestini, *ankra*, jew *mażżra*, jgħidulha *mersa* (ara xi Dizzjunarju Għarbi); mela donnu li min kien qiegħed jaqleb l-Evanġelju mill-Palestini għal Grieg, sab miktub li Ġesù waqt it-tempesta kien mimdud rasu fuq MERSA; u billi ma kienx jaf il-Palestini sewwa, hu ħaseb li *mersa* billi ġejja minn ras (5), kienet tfisser *imħadda*, bħal Grieg, li fih *proskefalaion* ġejja minn *kefale* (ras). Dan donnu li hu dak li ġara. Ġesù, mela, fid-dgħajsa, kien rieqed rasu fuq ġebla lixxa, ġebla minn dak il-ġebel li jkun immelles mill-baħar, li kien taqqabha san Pietru u rabatha b'ħabel u kien jinqeda biha bħala mażżra, jew ankra, biex jorbot id-dgħajsa fuqha: m'hux fuq *imħadda*, bħal ma hemm miktub.

6. Wara l-istqarrija ta' san Pietru li Ġesù kien il-Messija, Iben Alla Ħaj (Matt. XVI, 13-20; Mark, VIII, 27-30; Luqa, IX, 18-21) u t-tifħir ta' Ġesù lil san Pietru quddiem l-Appostli l-oħra, san Pietru bħal tkabbar bih in-nifsu. Jidher dan għax ftit wara, meta Ġesù ħabbar lill-Appostli bil-fehma tiegħu li jitla' Ġerusalêm iqis ruħu mal-qassisin tat-Tempju, beda jċanfar lil Ġesù u ried bħal kieku jamru biex ma jmurx! Ġesù żamm il-qagħda tiegħu, ta' Mgħallem, kif kien tas-sew u kif kellu jagħmel u ċanfar lil san Pietru għal bluhitu li jrid jgħallem lill-Imgħallem! U dar fuq il-bqija tal-Appostli u qallhom hekk: "Jekk xi ħadd irid jiġi wrajja, *jiċħad lilu n-nifsu*, jarfa' salibu u jimxi wrajja!"

Il-kelma "salibu" rajnieha u flejnieha flimkien fil-faċċata 70 tat-tieni ħarġa ta' dan il-Qari ta' sentejn ilu, 1962. Issa naraw ftit il-kelmiet *jiċħad lilu n-nifsu*, għax donnhom li huma mfissrin ħażin.

Għax *tiċħad lilek in-nifsek* hija kelma spiritwali ta' daż-żmien, meħuda mill-Evanġelju kif inhu issa, u ma tistamax il-Palestina, u anqas ma jidher li kienet tingħad fi żmien Kristu. Ġesù qal aktarx, bil-lingwa tiegħu: "Jaħni rasu", jiġifieri *jbaxxi rasu*, u min qalibha mill-Arâmi għal Grieg, "rasu" ħasibha *hu n-nifsu* (bħal ma bil-Malti ngħidu *jifdi rasu, jdabbar rasu, jaħseb għar-rasu*, u hekk). U *jaħni* ħasibha li tfisser: "tkun ħajjen". Hekk li l-kelmiet "jaħni rasu" ħadhom bħalli kieku jfissru jinki, jgħakkes lilu stess.

7. Kelma oħra li ttik taħseb li hi mifhuma u maqluba ħażin qegħda fil-kliem li qal san Pietru lil Ġesù fuq it-Tabor. Qallu: "Rabbi, tajjeb għalina li nkunu hawn. Ħalli nagħmlu hawn tliet għarejjex, lilek wieħed, lil Mosè wieħed u lill-Elija wieħed!" (Matt. XVII, 4; Mark, IX, 4; Luqa, IX, 33).

Imma tgħid, għaliex *tliet għarejjex*, u m'hux għarix wieħed għat-tlieta? Mela Ġesù u Mosè u Elija kienu jibżgħu joqogħdu flimkien? Biex tagħmel għarixa waħda fuq it-Tabor — sewwa kienet tax-xoqqa u sewwa tal-friegħi u l-qasab u l-ħuxlief — kont trid qatiegħ xogħol u żmien; aħseb u ara tagħmel tliet għa-

rejjex! U ħaġa oħra: din il-ġrajja x'ħin ġrat, bi nhar jew bil-lejl? Kif kiteb san Luqa (IX, 32) li *għajnejn l-Appostli kienu tqal bin-ngħas*, jidher li kien bil-lejl. Mela l-għarejjex għal fejn ried jagħmilhom san Pietru? Għan-nida? Ma naħsibx! La Ġesù ma bażâx jorqod fuq dgħajsa mikxufa fil-maltemp, birraxx tal-baħar dieħel fuqu, kien sa jiddejjaq minn ftit nida? Ċert li le!

Issa naraw jekk il-kelma *għarejjex* fil-lingwa tal-Palestina tixbaħx lil xi kelma oħra li taqbel u toqgħod iżjed mal-ġrajja, li kif rajna, aktarx li ġrat bil-lejl. *Għarix*, jew *tinda* (bil-Grieg miktuba *skene*), bil-lingwa tal-Palestina hija *maħâm* (6). Hemm kelma li tixbaħha u li taqbel aktar mal-ġrajja, li hija *manâm*, jiġifieri *friex*, jew *marqad*, jew *sodda*. Din toqgħod tajjeb. San Pietru, l i l Mosè u Elija ħasibhom żewġt irġiel (ara san Luqa, vers 30) u kienu sa jordqu bħalhom fuq it-Tabor. Għal hekk qal lil Ġesù: "Tridx nagħmlu hawn tliet *manamât* (imraqad tal-ħuxlief) biex torqdu fuqhom, wieħed għalik, wieħed għal Mosè u wieħed għal Elija?" Din toqgħod tajjeb. Għax tliet irġiel f'għarix wieħed joqogħdu, imma jorqdu fuq marqad wieħed it-tlieta, jiddejjqu b'xulxin.

BEN JEHUZA.

(1). Fl-Evanġelju ta' san Mattew (VIII, 19-22) hemm li din il-ġrajja ġrat *qabel* il-għażla tat-Tnax (X, 1-2), għal hekk qisu ċert li dawn it-tnejn kienu fost it-Tnaxer-Appostlu. Dnub li l-Evanġelista ma semmiex isimhom! Imma nistgħu nobsru li kienu tnejn mit-tlieta msemmija *wara* san Ġwann u *qabel* san Mattew, jiġifieri: Filippu, Bartolomew u Tumas. Għax Ġakbu l-Ħalfi, Ġuda Taddew u Xmun Kanânu, ma setgħux ikunu; waħda għax jissemmew *wara* san Mattew (m'hux qabel, kif kien tas-sew ġara), u oħra għax kienu "aħwa" ta' Ġesù, u ebda wieħed minnhom ma sata' qal: "Ħalli l-ewwel immur ngħid lil missieri".

(2). San Luqa, li l-Evanġelji ta' san Mattew u san Mark, li kellu quddiemu biex jara fuqhom hu u jikteb tiegħu, kienu tal-bordi u mqattgħin bċejjeċ, dil-ġrajja, flok ħdejn il-baħar tal-Galilija, kif kellha tkun, qegħdha fil-bidu tal-mixja ta' Ġesù u l-Appostli lejn Ġerusalêm, kif kienu għaddejjin mis-Samarija. Jidher ukoll li kellu żewġ versjonijiet ta' l-Evanġelju ta' san Mattew f'waħda kien hemm miktub li x-xebb wieġeb lil Ġesù: "Ħalli mmur *nidfen* lil missieri", u fl-oħra: "Ħalli mmur *inħabbar* lil missieri". Għal hekk san Luqa, biex jeħles, lit-tnejn minn nies li kellmu lil Ġesù għamilhom tlieta, u lil tal-aħħar, flok "lil missieri" ġiegħlu jgħid "lil tad-dar" (ara kap. IX, versi 57-62). Minn dan naraw kemm l-iżbalji saru fil-bikri, li meta kiteb l-Evanġelju san Luqa, għal ħabta tas-sena 61, diġà uħud minnhom kienu fl-Evanġelju.

(3) Fost it-tixbihat li qal Ġesù ma hemm ebda waħda li fiha bhejjem jew siġar jitkellmu, bħal ma hemm fit-tixbihat jew ħrejjef tal-Griegi. Dik li miktub: "Tħallix idek ix-xellugija tagħraf x'inhi tagħmel il-leminija" segħet kienet: "Tħallix li b'idek ix-xellugija, etċ", jiġifieri tħallix lin-nies li jkunu fix-xellug tiegħek, ma ġenbek, jaraw x'int tagħmel, meta tagħti karità.

(4). Ara t-tweġiba tat-tielet wieħed lil Ġesù, kif kiteb san Luqa (IX, 61), bħal ma rajna fin-nota 2.

(5). U, fl-aħħar mill-aħħar. "mersa", jew "marsa" ġejja tas-sew minn "ras", għax tfisser *port* (id-direzzjoni, jew *destination*) li lejh idawwar *rasu* jew il-pruwa tiegħu l-ġifen. U tfisser ukoll *ankra*, li magħha tirtabat ras il-ġifen meta jkun fil-port. Darba (u darba biss, f'ħajti) smajt dan il-qawl Malti: "*Għalina, kull ankra port!*", fejn il-kelma *ankra* qegħda flok *marsa*. Jiġifieri: "Kull daħla tgħodd għalina kull imkien noqogħdu". Minn dan jidher li bil-Malti wkoll *ankra* kienu jgħidulha *marsa*.

(6). Bil-Palestini u bil-Malti wkoll, sewwasew, *maħâm* tfisser *ħarsien, protezzjoni*. Ara l-kelma "Ħâmi" fid-Dizzjunarju ta' G.B. Falzon, u: "Ħâma, jħâmi", fid-Dizzjunarju ta' A.E. Caruana.

# IL-GHAR TAL-GETSEMNI

Ġesù Kristu għadda l-aħħar ġimgħa ta' ħajtu f'Ġerusalem. Fl-ewwel jum, il-Ħadd, daħal fiha fuq il-ħmara, għal xi l-ħdax ta' filgħodu, u qagħad fit-Tempju, sa filgħaxija, imbagħad ħareġ u mar Betanja. Il-għada fil-għodu raġa' mar it-Tempju, u filgħaxija raġa' ħareġ u telaq barra mill-belt. Hekk ukoll għamel nhar it-Tlieta. Nhar l-Erbgħa ma niżelx it-Tempju, u nhar il-Ħamis anqas. Fil-lejl tal-Ħamis il-Lhud qabduh u telquh f'idejn Pilatu. Il-Ġimgħa f'xi nofs in-nhar, ir-Rumani sallbuh, u f'xi t-tlieta miet.

Imma, Ġesù u l-Appostli, fejn kienu joqogħdu jieklu u jistrieħu ftit? Ġewwa t-Tempju ma jistax ikun, daqs kemm kien ikun hemm nies, kull ħadd irid ikellem lill-Imgħallem u jistaqsieh xi ħaġa. Kien, mela, jmur f'xi naħa mwarrba, fejn in-nies, għal dik is-siegħa jew ftit iżjed, ma jilħquhx.

It-Tempju kellu bieb kbir, jagħti għal fuq il-wied ta' Kidron, u quddiem dak il-bieb, in-naħa l-oħra tal-wied, kien hemm għar imwarrab, ġewwa għalqa, imdawra b'ħajt. Dal-għar kienu jgħidulu Magħsar iż-



*Wied ta' Kedron — Il-għar tal-Ġetsemni, fejn Ġesù u l-Appostli kienu jmorru jistrieħu ftit f'nofs inhar, meta kienu Ġerusalem.*

Żejt, bil-Lhudi, *Get-Xemen*, li minnu ġejja l-kelma li nafu aħna, *Getsemni*. U hemm kien imur Ġesù u l-Appostli miegħu, jieklu n-naqra tal-ikel li kienu jġibulhom Ommu, u n-nisa Galilin l-oħra, għal nofs inhar.

Issa, Ġesù kien tad-demm u l-laħam bħalna. Kien jgħejja wkoll, u jrid jistrieħ; u kien jieħdu l-ġugħ u jrid jiekol. Għal hekk mhux ta' min jaħseb li Ġesù kien jibda minn filgħodu bikri jgħallem lin-nies, u jilqa' l-qerq tal-għedewwa, bla mistrieħ u bla ikel, sa fil-għaxija. Mill-Galilija, ma' Ġesù kienet marret Ommu u għadd ta' nisa, fosthom il-Madalena u omm iż-żewġ Appostli San Ġakbu u San Ġwann. U dawn kienu jaħsbu għall-ikel ta' Ġesù u tat-tnaxer Appostlu tiegħu.

Meta Ġesù miet u l-Insâra bdew jiżdiedu, dan il-għar, kif kienet iddrawwa tagħhom, għamluh Maqdes; neħħewlu l-magħsar taż-żejt li kien fih, u fuq il-blata l-watja fejn kien il-magħsar, bnew artal u għamluh bħal knisja. Waħda mara twajba, jisimha Eterja, li żaret l-Art Imqad-

dsa fis-sena 385, issemmi dan il-Għar u tgħid li meta l-Insara, fil-Ġimgħa l-Kbîra, qabel is-sebħ kienu jinżlu minn fuq il-għolja taż-Żebbuġ, kienu jmorru l-ewwel fil-knisja tal-Agonija, u minn hemm jinżlu, mal-Isqof, fil-Għar tal-Ġ e t s e m n i, "fejn il-Mulej kien maqbud". Wara dak iż-żmien, dal-Għar kitbu fuqu ż-żawwarin qishom kollha, i m m a hawn, għal qosor, ma nsemmuhomx.

Dan il-Għar huwa l-Maqdes waħdani fl-Art Imqaddsa li għadu sewwa sew kif kien meta kien jidħol fih Ġesù mal-Appostli; jiġifieri l-ħitan u s-saqaf tiegħu għadhom tal-blat għeri, kif kienu dak iż-żmien. Dal-għar hu magħmul mill-ħolqien, mhux imħaffer min-nies; għandu għamla bħal kieku *ovali*. Twil xi 55 xiber u u wiesa' 30. Il-għoli tas-saqaf huwa bejn l-għaxra u tnaxer xiber. Billi Ġesù u l-Appostli kienu jmorru hemm bil-jedd kollu, u ma' ġenbu hemm il-qabar li wara difnu fih lil Madonna, jinħaseb li dik il-biċċa art kienet tal-qraba ta' Ġesù, li Ommu l-Madonna, kienet minn Ġerusalem.

F'Novemru tas-sena 1955, f u q Ġerusalem u ma' dwarha għamlet xita kbira li damet tħażżaq is-sieġħât. Il-wied ta' Kedron far, u l-Qabar tal-Madonna (jiġifieri l-Knisja fejn jinsab il-Qabar) u l-Għar tal-Ġetsemni nmtlew bl-ilma. Il-Franġiskani ġiebu l-muturi u ppumpjaw l-ilma 'l barra, imma fil-Għar baqa' qatiegħ tajn u nħawi l-qiegħa tal-art infaqgħet. Imma d-deni safa ġîd, għax ir-Rħieb qatgħu li jaqalgħu l-artali u l-art kollha u jaraw sewwa x'kien hemm taħtha.

Instab li d-daħla ewlenija ma kenitx fejn hija l-lum, imma aktar 'il ġewwa. Kienet fetħa magħmula mill-ħolqien, fuq il-liwja tal-wied. Ġewwa l-Għar kien hemm bir żgħir, li kien jinmtela bl-ilma tax-xita b'sieqja minn barra. Taħt l-artal tannofs kien hemm blata watja li fuqha kien hemm il-magħsar taż-żejt, u fil-ġenb tal-blat kienet għadha hemm it-toqba fejn kien jidħol il-fus tarrota li jdawwar il-magħsar. L-art tal-Għar kienet għall-ewwel miksija bil-mużajk, imma fiż-żmenijiet tannofs bdew jaqalgħu l-mużajk u jħaffru l-oqbra u jidfnu fihom. Wara li sar dax-xogħol kollu, ir-Rhieb reġgħu wittew l-art. Waqqfu l-artali fejn kienu (barra minn wieħed: tlieta flok erbgħa) u x-xbihât ta' fuq l-artâli għamluhom *al fresco*, m'hux fuq it-tila, kif kienu qabel, biex aktar iżommu għat-tul.

(Fra ARMANDO O.F.M.)

# IL-KELB, IL-GĦADMA, U D-DJAMANT

Jekk kelb ikun idur u jxammem barra, u jsib fl-art fossa tad-djamanti tlellex, tiswa xi ħamsin lira, u ma' ġenbha biċċa għadma tinten, liema minnhom jieħu? Tgħidli: "Jieħu l-għadma, u jmur igerrimha dak il-ħin, għax ma jafx kemm jiswa djamant u kemm jista' jġib bih għadam u laħam".

Hekk jagħmlu l-kotra l-kbira tan-nies: ifittxu li jgawdu f'din id-dinja, issa, għax qegħdin fiha, u ma jagħtux każ tad-dinja l-oħra, li hi għall-eternità.

# QWIEL TAL-PALESTINA

*Li tġamma' habbe-habbe, jieħdu l-ġemel bi fard għabbe* (dak li ġġamma' int naqra-naqra, il-ġemel jieħdu f'refgħa waħda). Jixbaħ lil qawl Malti li jgħid: "Li ġġorr in-nemla, ssuqu l-ħamla". Jiġifieri, dak li l-fqir ikun warrab, flus jew ġid ieħor, b'ħafna snin ta' ċaħda u ekonomija, drabi tiġi fuqu faqgħa u ttajjarlu kollox f'daqqa' u kull ma għamel jisfâlu fix-xejn.

*Ma kull imtawwal mawż; u ma kull imqabbel ġawż* (m'hux kull ma hu tawwali banana; u m'hux kull ma jaqbel ma xulxin hu ġewż). Bil-Malti għandna wkoll qawl jaqbel ma dana: "Mhux kull imdawwar kagħak". Jiġifieri, l-ħaġa m'hux dejjem kif tidher minn barra; drabi ħaġa li tidher tajba ssibha ħażina, u ħaġa li tidher ħażina, meta ġġarabha ssibha tajba. Min hu mdaħħal fiż-żmien u għandu t-tiġrib tad-dinja jaf kemm il-darba bniedem li mgħoddi ta' ħażin jaqbeż għalik fil-ħtieġa, u dawk li jiftaħru bi tjubithom jitwarrbu u jifirħu bid-deni tal-oħrajn.

*Bajdar li ma hu lek, la tisqel għal ħawâhu* (qiegħa li m'hix tiegħek [li m'intix sa dderri fuqha] la ssaqsix minn liema naħa jaqbilha r-riħ). Jiġifieri: la tindaħalx fl-affarijiet ta' għajrek, jekk ma jmissux lilek. Jekk lil dak li jkun issaqsih fuq xi ħaġa tiegħu li int ma għandekx x'taqsam magħha, jaħseb li qiegħed tindaħallu fejn ma jesgħekx, u jistkerrħek u jaħseb ħażin fik.

*Kull id-drub tweddi għat-taħûna* (it-toroq kollha jieħdu lejn il-mitħna). Fl-antik, u m'hux antik ħafna, iż-żewġ postijiet l-aktar imhimma tar-raħal kienu jkunu il-mitħna u l-forn. Għax kull ħadd irid jiekol, u l-mitħna hu l-post fejn kienu jitħnu l-qamħ, u l-forn fejn, meta jagħġnu jaħmu ħobżhom. Il-lum ma għadux hekk, għax mitħna waħda titħan dqiq għal pajjiż sħiħ u n-nisa ma għadhom jagħġnu għal ġimgħa-ġimgħa, għax tal-ħobż jiġi wara l-bieb, bil-ħobż frisk ta' kull fil-għodu. Imma t-tifsira tal-qawl għadha, u tibqa, minnha, għax kull ħadd, jew qisu kull ħadd, kull ma jagħmel jagħmlu għax ikun jaqbillu, imqar dawk il-ħwejjeġ li bil-wiri jagħmilhom għal ġid tal-oħrajn, ikun jagħmilhom għal xi għan moħbi, li jaqbel lilu. Sa min jagħti karità, jagħtiha biex ikollu l-qliegħ quddiem Alla, ħalli meta jmut imur il-ġenna, ħaġa li taqbillu wkoll.

*Ja rabb, en daħħaltna bejn iż-żelmîn, oħroġna selmîn* ! (Mulejna, jekk iddaħħalna bejn in-nies il-ħżiena, ħarisna mill-ħażen tagħhom !). Qawl għamla ta' talba u talba sabiħa, fil-qosor tagħha. Għax kollox jiġi minn Alla, u drabi l-bniedem isib ruħu fit-tiġrib mingħajr ma jrid, u mingħajr ma jkun jaf kif daħal fih. Għel hekk, ta' min jitlob 'l Alla li jekk tkun ir-rieda tiegħu li nsibu ruħna fit-tiġrib, tal-anqas jgħinna neħelsu minnu bis-sliema.

*La tafraħ għal li jrûħ, ta' txuf li jiġi.* "La tifraħ għal min sa jmur, sa ma tara min hu li ġej". Għax jista' jkun li min jiġi ikun agħarr minn dak li mar. M'hux darba u tnejn jiġri dan, li dak li jkun jaħseb li sa jsib ruħu aħjar, u jsibu ruħu agħarr.

# GESU' JIGGARRAB MIX-XITAN

Wara li Ġesù ġie mxandar minn Missieru li kien il-Messija waqt li ħa l-magħmudija minn Ġwanni, hu mar f'imkien 'il barra mill-ibliet u l-irħula . Il-Vanġelu jgħidilna li kien meħud mill-Ispirtu Santu li kien dejjem miegħu għax it-tnejn kienu membri tat-Trinità Mqaddsa. Il-post fejn tela' Ġesù kien 'il fuq minn Ġeriko, xi żewġ mili 'l bogħod minn Ariha (Ġeriko ta' żmien Kristu) u xi ħames mili minn Tell es-Sultan (Ġeriko l-qadima). Hija għolja bi ftit ħajja, kollha blat u ħaġar, imma ssaltan fuq il-ħdura mbegħda ta' Ġeriko, mogħnija bis-siġar tal-palm u l-banana. Kif qalulna ta' qabilna, dan il-post jissejjaħ Ġebel Qarantal (kif igħidulu l-Għarab tal-lum), jew Duq, kif kienu jsejħulu l-Lhud. Mingħajr nies li jgħammru fl-inħawi u bla ħxejjex din l-għolja hija tassew waħxija u jgħid sewwa San Mark, li Ġesù kien mal-bhejjem tax-xori.

Ġesù tela' hemm fuq biex jitħalla li jiġi mġarrab mix-xitan u biex isum erbgħin nhar u erbgħin lejl. U f'dawk l-erbgħin j u m , kif ifisser tajjeb S. Luqa, Ġesù ma mess xejn. Baqa' sajjem kif għamlu darba Elija u Mosè, iż-żewġ xbihat kbar tal-mexxejja u tal-profeti Lhud. Kif seta' jżomm sajjem Ġesù għal erbgħin jum ? Ġesù kien megħjun bil-qawwa tassema li kienet ukoll fih bħala Bniedem-Alla. Ta' min iżid ukoll li Ġesù kellu bħala bniedem ġisem sħiħ u qawwi u kien jiflaħ aktar minn kull bniedem ieħor sabiex iġarrab dak it-tgħakkis aħrax.

## L-EWWEL TIĠRIBA

Kif Ġesù kien hemm, resaq ix-xitan biex iġarrbu. Il-Vanġelu jgħidilna li wara erbgħin jum sawm Ġesù ħadu l-ġuħ. Ħaġa minn lewn id-dinja. U hawn ix-xitan qatagħha li jġarrab lill-Messija. Resaq u qallu: "Jekk int iben Alla, għid biex dal-ħaġar isir ħobż." Ix-xitan kien jaf sewwa li Ġesù kien Alla għax naqraw li ftit wara x-xjaten infushom xandru dan. U lanqas ma x-xitan ried iġarrab lil Ġesù billi jwaqqgħu fid-dnub ta' l-ikel żejjed għax kien jaf sewwa min kien Ġesù. Ried jaf x'kien il-programm tal-messjaniżmu tiegħu jew, fi kliem ieħor, x'kien fi ħsiebu jgħallem lid-dinja bħala Messija. U ried jaf dan biex ikun jista' jġarrab u jġarraf lis-semmiegħa u l-qaddejja tiegħu.

B'din l-ewwel tiġriba x-xitan ried jara jekk Ġesù kienx imħejji biex jitgħakkes jew sabiex iwiegħed u jagħti dak li bih jitpaxxa l-ġisem. U hawn Ġesù malajr wieġbu bil-kliem tal-Kotba Mqaddsa, li l-bniedem ma jgħix biss bil-ħobż, jiġifieri b'dak li jrid il-ġisem, imma b'dak li thejjilu l-Provvidenza. Qallu mela li ma kienux meħtieġa l-mirakli biex huwa jitrejjaq, imma kienet biżżejjed il-Providenza li żgur ma kienet tonqos lil ħadd.

## IT-TIENI TIĠRIBA

Wara dan ix-xitan ħa miegħu lil Ġesù f'Ġerusalem u waqqfu fuq il-ġewnaħ tat-Tempju, fejn is-sur tannaħa tal-lvant (ħdejn Bieb Salamun)

kien jorbot man-naħa l-oħra tas-sur lejn nofs inhar fejn hemm Bieb is-Sultan. U din ir-rokna kienet tieqaf fuq il-Wied ta' Kedron (Wadi Sidti Marijam) li jaħbat mal-mitejn jarda 'l isfel. Minn hemm ix-xitan stiednu sabiex jaqbeż ħalli l-Missier jibgħatlu l-anġli tiegħu biex jindukrawh. Ix-xitan inqeda bi kliem is-Salmista li jgħid li Alla jgħin lit-twajjeb fit-tfixkil tiegħu (Ps. 90). Imma Ġesù qal lil Satana biex ma jissuktax iġarrbu għax ma kienx jaqbel li miraklu isir għal xejn.

B'din it-tiġriba x-xitan ried jaf jekk il-programm tat-tagħlim ta' Ġesù kienx mibni fuq l-umiltà jew fuq il-kburija u l-frugħa. Għax fejn hu talab lil Ġesù jagħmel il-miraklu, ir-Rabbini Lhud kienu jgħidu li hemm il-Messija għandu jidher għall-ewwel darba b'mod li jgħaġġeb. Ried jaf jekk Ġesù kienx sa juri kburitu kif kienu jistennew il-Lhud. Imma Ġesù wrih li t-tagħlim tiegħu u għemilu kellhom ikunu kollha msawrin bl-umiltà l-aktar kbira.

## IT-TIELET TIĠRIBA

Mill-ġdid ix-xitan ħadu fuq ġebel għoli bil-bosta, x'aktarx fuq il-għolja ta' qabel, Ġebel Qarantal. Minn hemm urih is-saltniet kollha tad-dinja u wegħdu li jagħtihomlu jekk imil u jqimu. Fi żmien Ġesù, Ġeriko kienet saret belt sabiħa, l-aktar wara li Erodi nefaq sħiħ biex isebbaħha. U aktarx li x-xitan urih lil Ġeriko li minn Ġebel Qarantal kienet tidher tajjeb bħala xebh tas-saltniet tad-dinja u tas-sebħ tagħhom. Satana hu s-"sultan ta' din id-dinja", u bir-raġun qal lil Ġesù li kieku qiemu kien jagħtih kull saltna, jiġifieri l-ġieh u s-sebħ tagħhom. Imma għal darba oħra Ġesù wieġbu



*Ġeriko — Ġebel Qarantal, fejn minn żmien il-Kruċjati 'l hawn, jingħad li Kristu sam erbgħin jum. F'nofs il-muntanja jidher id-Dejr tal-Griegi-Ortodossi.*

u amarlu jitlaq għax jeħtieġ li jaqdi 'l Alla Missieru (Deut. 6, 13). Wera lix-xitan li ma riedx il-kobor tad-dinja, imma li jaqdi 'l Missier: dan kien il-programm tas-saltna ġdida tiegħu.

## TIĠRIB ĠESU' U L-INSARA

Kif Ġesù ħejja ruħu għat-tiġrib tax-xitan bl-għajnuna t a s -sawm, hekk ukoll aħna għandna nqawwu ruħna kontra t-tiġrib ta' Satana billi nsumu. Kif ix-xitan ġarrab lill-Imgħallem, hekk ukoll iġarrab lilna biex jara x'inhu l-programm ta' ruħna. U biex nirbħuh jeħtieġ li nsumu (Ioel 1, 14); insajmu għajnejna, ilsienna, idejna u ruħna kollha (S. Bernard). Għalhekk il-Knisja drabi titlobna nsumu. Tamrilna dan biex nithejjew għat-tiġrib tax-xitan li dejjem idur biex jara lil min jaħtaf (I Petr. 5, 9).

Kemm-il darba jersaq fuqna x-xitan biex jara xi rridu u kif naħsbu fuq il-ħajja tagħna ta' nsara! Kemm-il darba jwegħdna t-tpaxxija, il-kobor u l-ġieh tad-dinja. Jiġi fuqna bi kliem ħelu, kif għamel lil Ġesù li baqa' jkellmu bil-kliem tal-Kotba Mqaddsa. Jgħarbilna u jġarrabna. U bosta drabi nuruh li l-programm tagħna mhux bħal dak ta' Ġesù: it-tgħakkis, l-umiltà u l-qima lejn Alla. Sikwit nilqgħu x-xalar, il-kobor u l-qima tad-dinja li huma kollha ħwejjeġ tax-xitan. Imma b'dan ma nkunux ta' Kristu. Ix-xitan jifraħ, jirbaħ u jwiżinna f'din id-dinja, imma ma jkollniex sehem ma' l-Imgħallem fis-sema, għax ma nħaddnux it-tgħakkis u l-imħabba lejn Alla li jrid minna bħala nsara. U x'jiswa jekk naqilgħu d-dinja kollha u ruħna tbati l-ħsara? (Mt. 16, 26).

Ġesù ħalla li jkun imġarrab biex jgħallimna. U kif huwa ġġarrab hekk niġġarrbu aħna. Hu rebaħ, imma sejrin aħna wkoll nirbħu bħalu? Qal fil-beraħ li saltnatu hi ta' tbatija u tgħakkis u qima lejn Alla. Imma s-soċjetà tagħna qed tagħmel bil-maqlub. Ġesù ġġarrab u rebaħ, imma s-soċjetà ta' żminijietna qed tiġġarrab u tiġġarraf. Għax mhix timxi wara l-Imgħallem. Fejn huma l-imħabba tat-tgħakkis u ta' l-umiltà li wera Sidna Ġesù Kristu? Fejn hi l-qima lejn Alla li nuruha bil-qima lejn il-Papa, l-Isqfijiet u l-qassisin? Qabel kollox ruħna, għax mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem. Hekk qal l-Imgħallem. It-tiġrib ta' Ġesù qed jiġġedded u jibqa' jiġġedded fina l-insara u jeħtieġ nuru l-għaliex aħna nsara. Mhux bil-kliem, imma bl-għemil kif għamel Kristu fil-bidu tal-missjoni tiegħu. Ġesù bata, iżda wara tela' s-sema.

P. GWIDU SCHEMBRI O.F.M.

# KELLHA RAGUN!

Darba Ġaħan xtara ħmar, ħadu d-dar u daħħlu fil-maqjel, u l-mara bdiet tgħajjat miegħu b'ħalq daqsiex, għax il-ħmar ma kellux għal fejn jixtrieħ, għax kienu għaddejjin mingħajru. Imma l-ħmar, kif sama' il-mara tgħajjat, beda jinhaq kemm kellu saħħa.

"Isma' l-ħmar x'jinħaq!" qal Ġaħan lil mara." Minn issa dejjaqtu, kemm-kemm ilu hawn nofs siegħa! Aħseb u ara kemm dejjaqt lili, li ili naħmel il-għajjat tiegħek dawn is-snin kollha!"

"Dak għax int ħmar aktar minnu!" weġbitu l-mara.

# FIL-MEWT TA' GHASFUR CKEJKEN (*)

Int m'intix iżjed, naf, ja għasfur ċkejken,
Mal-art narak bla ħajja, kollok dmija
Maqtul minn kiefra dwiefer, hemm, bla ħtija,
Ħabib żgħir tiegħi!

Għadni nisma' mit-tieqa l-leħen tiegħek
Sabiħ; u tferfer ġwienħek kif tarani,
U ttir u ttir ferħan, għasfur samrani,
Għal fuq spallejja.

Iltim mill-bejta ħadtek kif kont ċkejken
Stennejtha u ma ġietx ommok... naf... qatluha!
Fittixt, saqsejt lit-tfal, mejta sabuha,
Bl-imżaqq ġo fommha.

Daħħaltek ġol-Kunvent, fiċ-ċella tiegħi,
Għasfur-Novizz! Għallimtek tħobb is-sura
Tal-ħajja tal-Irħieb, ħajja mistura,
Kont Raħeb ċkejken.

Ittir miċ-ċella għal-kor, fuq ktieb, fuq siġġu
Fuq ras ir-Rħieb, U ttir mill-knisja għal kċina,
Jifirħu l-aħwa bik, u b'id ħanina
Imellsu rixek.

W-issa narak mimdud... f'għajnejk tbissima,
Mitluf ġo ħolma sbejħa, għasfur samrani!
Liebes bħal dawk l-Irħieb, il-Franġiskani,
Bħal ċoqqa samra...

U bkew ir-Rħieb, lir-Raħeb ċkejken ħuhom,
Li bħalhom kien fil-ħemda jaqdi 'l Alla
W-għalih lil sħabu, 'l ġonna, kollox ħalla
U miet għad-dinja...

P. ĠUŻEPPI CREMONA O.F.M.,
(*Missjunarju tat-Terra Santa*)

(*). Naqra ta' poëżija ħelwa zokkor, tmiss il-qalb u tislet demgħa mill-għajnejn. Aktarx li hi ġrajja minnha, għax id-Dejr ta' Ramla (Israel) fejn jinsab Patri Cremona hu Dejr kbir ħafna u mdawwar bis-siġar sbieħ u għoljin, li fihom ijgħammru kemm il-ġens ta' għasafar u tajr. Għad li d-Dejr kbir, Irħieb tlieta biss jgħixu fih: Patri Pawl, is-Superjur (Spanjol), Patri Ġużepp, Kappillan, u Direttur tal-Kulleġġ (Malti), u Fra Valerju, Ajk xiħ, jagħmel kollox (Taljan). Għal hekk hemm għadd ta' kmamar battala, bil-persjani tat-twieqi magħluqa. Mix-xquq tal-persjani jidħlu l-għasafar u jagħmlu l-bejta bejn l-injam u l-ħġieġ tat-twieqi. Aktarx li l-għasfur iltim li sab Patri Cremona u ħadu rabbieħ, kien ġewwa xi tieqa minn dawn. Min kiteb din-nota, dan jafu sewwa, għax f'April tas-sena l-oħra (1963) kien il-Palestina u qagħad fid-Dejr ta' Ramla sitt ijiem. (Nota tal-Ed.).

# IL-WETGHA TA' HATTIN (*)

Ħiemed, ħosbien, fuq din l-blata nħares
Mill-bogħ'd, lejn dik il-wetgħa ħadra tiegħek,
Ħattin, waqt li fix-xefaq lewn id-dmija
Is-sħab iħammar.

Ġo sidri tibki l-qalb, għax jien niftakar
Fiż-żmien li għadda, meta l-Mislem kiefer
Raġa' din l-ART IMQADDSA rifes, kburi,
Minn naħa għall-oħra.

Ġo fik, Ħattîn, Saleħ id-Din rebagħhom
L-Insara, li minn bgħid ta' Kristu l-Qabar
Ġew jifdu minn idejn ta' dawk li jemmnu
F'Rasul qarrieqi.

Nilmaħ dak is-salib, aħmar, ilellex,
F'sidirhom, il-qalbiena Kavalieri,
U nara l-qawwa sħiħa u l-Emmna tagħhom
F'ta' Kristu r-rebħa.

"Iridu Alla!" għajtu l-Kavalieri.
Iridu Alla?... Alla nsiekom! Morru...
Ħallu din l-ART IMQADDSA li kasbartu
B'kotor dnubietkom!

Ġej... Ġej Saleħ id-Din... Mutu ja Nsara...
Tarawx b'għajnejkom it-tmaqdir u n-niket
Il-Qabar ta' Ġesù u l-Għar fejn twieled,
Maħkum mill-kiefer.

* * *

Il-lejl ħanin, lil Kavalieri mejta
Għatta bi star tad-dlam, u stemgħet għanja
Ħelwa, minn bejn il-kwiekeb ħodor. Qamu
Il-Kavalieri!

Fis-sema, kollu dawl, dehra sabiħa
Lemħu b'għajnejhom...... lil Franġisk t'Assisi
U sħabu r-Rħieb, ħafjin, kebjin u foqra
"Aħna l-Kruċjati,"

Qalu: "Lilna l-Mulej din l-ART IMQADDSA
Tana f'idejna, biex b'ħidmitna nifdu
L-egħżież imkejjen, fejn il-Fidi nibtet
Tagħna l-Insara."

Għebet id-dehra bejn il-kwiekeb ħodor.
Raqdu l-Kruċjati, ferħanin għax ġiħhom
Ħelsu l-Irħieb, u l-Għelma refgħu tagħhom
F'din l-ART IMBIERKA.

P. ĠUŻEPPI CREMONA, O.F.M.,
(*Missjunarju tat-Terra Santa*)

(*). Biex wieħed jifhem sew din il-poëżija, irid ikun jaf x'ġara f'Ħattîn, li hu l-isem ta' għolja u l-wetgħa ta' taħtha, li jinsabu fl-Art Imqaddsa, bejn Kana u l-Baħar ta' Tabarija. Li ġara hemmekk hu dan li ġej. Fis-sena 1187, kif il-Kruċjati kienu fil-belt ta' Sèforis, qrib Nazaret, semgħu li wasal fuqhom il-magħruf Emir Mislem Saleħ id-Din, Sultan tal-Eġittu, b'tajfa kbira ta' suldati miegħu. Kontra l-parir tal-wisq għaqli Rajmondu, Konti ta' Tripli, il-Kruċjati marru jilqgħu lill-Emir Mislem fil-wetgħa ta' Ħattîn, meta kien l-aqwa tas-sajf (l-ewwel jiem ta' Lulju), u dik in-naħa ftit li xej kien hemm ilma. Saleh id-Din ħabat għal Kruċjati, u barra mis-sħana ta' xemx taqli u l-għatx, qabad jonfoħ *riħ il-ħamsin,* li hu riħ sħun, minn naħa tax-Xerq. It-tajfa tal-Insara ma felħetx taħmel aktar, u fl-4 ta' Lulju, wara li kienu baqgħu maqtula 20,000 (għoxrin elf) Nisrani, is-suldati tas-Salib telqu ruħhom f'idejn l-għadu. Il-Konti Rajmondu seħħlu jaħrab lejn Tiru, u r-Re Nisrani, Gwidu ta' Lusinjanu, mal-Barunijiet u l-Kavalieri, telgħu fuq il-għolja ta' Ħattîn, fejn il-Misilmin telgħu għalihom u qabduhom ukoll. Saleħ id-Din, lir-Re Nisrani żammu lsir u lil kbarat li kellu miegħu qatilhom hemm fuq il-għolja, u l-Għuda tas-Salib ħadha u bagħtha Damasku b'egħliema tar-rebħa. Suldati Nsara waqgħu lsiera 30,000 (tletin elf). Wara dan il-Misilmin ħadu taħt idejhom l-Art Imqaddsa kollha, u wkoll il-belt ta' Ġerusalem. Ir-Reliġjużi li kien hemm fl-Art Imqaddsa fi żmien il-Kruċjati malli ħaduha l-Misilmin, kollha ħarbu, u ftit żmien wara, bis-saħħa tar-Re u r-Reġina ta' Napli, daħlu flokhom il-Franġiskani, li għadhom hemm sal-lum. (n. tal-E.).

# IL-MARA L-WIKKIELA

Darba kien hemm mara li kienet tiekol wisq, ara kemm li meta tagħ-ġen, għaġna ħobż kienet ittemmha f'jumejn. Ir-raġel darba qalilha: "Dan kif il-ħobż jintemm malajr daqs hekk? Bħal ma taf inti, jien ma niekolx ħafna!" Il-mara qaltlu: "Jien ukoll niekol ftit! Ara kemm, li niekol minn għajn il-labra!" Ir-raġel ma emminhiex, u biex iġarrabha, darba, ħadha taħdem il-għalqa miegħu, u f'nofs inhar qagħdu jieklu taħt ħarruba.

Il-mara għamlet ta' bir-ruħħa li kielet ftit, imma wara xi siegħa, ma felħetx iżżomm aktar bil-ġugħ li qabadha. Għal hekk qalet lir-raġel: "Għandu jkun hawn xi ħadd qiegħed isejjaħli!" U telgħet fuq il-ħajt tissamma'. Imbagħad għajtet: "U iwa... issa ġejja!" Ir-raġel saqsie-ha: "Min għiejed jgħajjatlek?" Qaltlu: "Dik, il-ġara ta' ħdejna, għax silfitni l-għarbiel tat-tqiq, u nsejt natihulha, u għandha bżonnu! "Isa, mur atihulha!" qalilha r-raġel. U marret id-dar, u kif daħlet, qabdet ħobża, fettitha fil-ħalib u kelitha!

# IC-CENAKLU

Id-dar fejn kienet il-għorfa li ġewwa fiha Ġesù tgħaxxa l-aħħar darba, kienet mis-swar ta' Ġerusalem 'il ġewwa, fuq il-għolja ta' Sijon.

Il-lum, imma qegħda mis-swar il barra, għax is-swar ta' Ġerusalem, mill-elfejn sena 'l hawn li Ġesù ilu li kien fid-dinja, twaqqgħu u reġgħu nbnew aktar minn darba u tnejn. U meta nbnew l-aħħar darba, fis-snin 1537-1541, biċċa kbira mill-għolja ta' Sijon tħalliet barra, u hekk sefgħet barra wkoll id-dar li semmejna fuq, bil-għorfa jew Ċenaklu li kien fiha.

Minn żmien Ġesù 'l hawn, din id-dar ukoll twaqqgħet u nbniet kemm-il darba, imma kull meta nbniet dejjem inbniet fuq il-għamla li kellha qabel, għal hekk issa wkoll għadha tixbah sew li d-dar li daħal u kiel fiha Ġesù. Nistħajluna mela li mmorru narawha. Din id-darba narawha bil-ħsieb, imma jista' jkun li xi darba oħra narawha bil-għajnejn .

* * *

Nistħajluna li qegħdin Ġerusalem u noħorġu mill-belt mill-bieb li jagħti għan-naħa tal-Qibla, jew ta nofsinhar, li jgħidulu Bab id-Dahûd. Ma nilwux fuq il-lemin, anqas fuq ix-xellug, fejn hemm żewġ toroq massur is-sur, imma nimxu dritt 'il quddiem. It-triq, aħna u nimxu lejn il-lemin fiha ħajt għoli, ħajt ta' ġnien, u lejn ix-xellug ħajt baxx, tas-sellieh, ħajt tal-egħlieqi. Naraw fuq ix-xellug, knisja żgħira titla' għaliha bit-taraġ, li bnewha m'ilhomx ir-Rħieb Franġiskani ta' Ġerusalem. Nibqgħu miexjin mat-triq li hi miksija bil-biċċiet tal-ħaġar mieles daqs kemm eluf ta' saqajn ta' nies ħafja għaddew minn fuqu. Wara ftit naraw knisja kbira, tar-Rħieb Benedittini Ġermaniżi, li jgħidulha n-Nagħas tal-Madonna, għax ġewwa fiha tingħata qima lin-Nagħas jew Mewt għażiża Tagħha. Ngħaddu minn wara din il-knisja u nsibu ruħna ġewwa naqra ta' misraħ imdawwar bil-bini. Fuq il-lemin id-Dejr tal-Benedittini li għadna kemm semmejna l-knisja tiegħu, u fuq ix-xellug u quddiemna, djar tal-Għarab, qodma u suwed biż-żmien. Id-dar ta' quddiem nett li fiha bieb kbir, akbar minn tal-oħrajn, hija d-dar li ġewwa fiha tinsab il-Għorfa Mqaddsa, jew Ċenaklu.

Nitilgħu tliet tarġiet u nidħlu ġewwa dal-bieb u nsibu ruħna ġewwa kamra kbira, bis-saqaf magħmul ħnejja. Minn hemm noħorġu f'bitħa u naraw fuq ix-xellug taraġ dejjaq, mikxuf bil-lqugħ tal-ħadid, li jagħti għal fuq il-bejt.

Bħal issa, d-dar li fiha ċ-Ċenaklu qegħda f'idejn il-Lhud, m'hux f'idejn il-Għarab, kif kienet dari, u dawn iridu jkunu mgħarrfa minn qabel meta xi ħadd ikun sejjer iżurha. Għal hekk ikun hemm xi ħadd jistenniena u kif nitilgħu fuq il-bejt, imur iġib il-muftieħ biex jiftħilna l-Għorfa Mqaddsa. Il-bieb tal-Għorfa qiegħed in-naħa tax-xellug kif nitilgħu t-taraġ. Il-Lhudi jiftħilna l-bieb u nidħlu ġewwa.

Insibu ruħna ġewwa sala kbajra, twila xi tmienja u erbgħin xiber Ingliż, u wiesgħa xi tletin. Fin-nofs tagħha hemm żewġ kolonni qosra, bir-rjus tagħhom wesgħin. Ġewwa kull ħajt, tal-lemin u tax-xellug, żewġ kolonni oħra bħalhom sewwa, nofshom barra u nofshom mibnija fil-ħajt. Minn fuq dawn il-kolonni tiel-

għin arki bil-ponta li jagħmlu s-saqaf tas-sala. Ir-rjus tal-kolonni tannofs, imnaqqxin. F'waħda h e m m għenieqed tal-għeneb u fl-oħra bħal weraq li meta ċ-Ċenaklu kien f'idejn il-Għarab kienu jgħidu li kien biċċiet tal-ħobż.

Is-sala mdawla minn tliet twieqi li jagħtu għal fuq il-bejt. Dawn it-twieqi ma fihomx bibien, imma magħluqa bi lwieħ tal-ħaġar. Il-lwieħ imqgħu miegħu. Hemm tagħom l-Akbar Tifkira li sata' jagħtihom, li tibqa' sejra sal-aħħar tad-dinja.

Ġewwa dil-Għorfa baqgħu jiltaqgħu l-Appostli wara l-Mewt ta' Ġesù. Hemm għaddiet biċċa kbira minn ħajjitha l-Madonna, u hemm raqdet, jew mietet għal ftit taż-żmien. Hemm kienu jinżammu l-bordi tal-Kliem ta' Ġesù li minn fuqhom inkiteb l-ewwel Evanġelju. L-ewwel



*Ġerusalem — Iċ-Ċenaklu minn ġewwa.*

taqqba u kull toqba misduda bil-ħġieġ, biex hekk, għad li jidħol id-dawl, jibqgħu barra r-riħ u x-xita fix-xitwa, u fis-sajf il-ħrara tax-xemx.

Ġewwa dis-sala Ġesù bagħat liż-żewġ Appostli, san Pietru u san Ġwann, il-kbir u ż-żgħir, biex iħejju l-ikla tal-Għid. Hemm ġew Ġesù kellu, biex ngħidu hekk, il-għafja tal-mewt. Hemm bħal nesa x'kien ġej għalih u ftakar biss fl-imħabba kbira, bla tarf, li kellu għal dawk li baSinagoga jew Knisja tal-Lhud Insara kienet hemm.

Meta Titu l-Ħarrieb Ruman, għaleb lil-Lhud fis-sena 70, lil Ġerusalem ma waqqagħhiex kollha. Fuq Sijon ħalla ftit bini u fost dan il-bini kien hemm din id-dar, fejn kienet tinsab il-Għorfa Mqaddsa. Għal hekk, meta l-Insara reġgħu lura minn Pella, fejn kienu ħarbu (jekk ħarbu kollha, għax jista' jkun li baqgħu xi ftit Ġerusalem u ma ndaħlux fil-ġlied) ħadu mill-ġdid f'idejhom dik id-dar.

U hemm baqgħu jiltaqgħu għal żmien twil, dawk li kienu emmnu u x-Xjuħ tagħhom, jew Qassisin.

* * *

Fis-seklu IV, wara li Kostantinu ħeles lill-Insara, fuq id-dar li qegħdin insemmu, inbniet Bażilka kbira u sabiħa, u l-Għorfa jew Ċenaklu, tħalla barra, imma kien jinfed magħha min-naħa tal-lemin. Dil-Bażilka kienet twila mitt minkeb, wiesgħa sebgħin, u kien fiha tmenin kolonna. Dawn il-kolonni kellhom il-ħnejjiet fuqhom li jżommu s-saqaf.

Dil-Bażilka ġarrfu ħafna minnha l-Persjani meta daħlu l-Palestina fis-sena 614 imma l-Insara sewwewha ftit żmien wara. Fis-sena 966, il-Lhud u l-Misilmin serqu kull ma kien fiha u ħarquha. Reġgħu bnewha s-Salibin (jiġifieri l-gwerrieri Nsara li fuq sidirhom kellhom b'għelma s-Salib) u kienu jagħmlu minnha r-Rħieb ta' santu Wistin. Fis-sena 1219, raġa' ġiegħel lil Misilmin ta' Ġerusalem iwaqqgħuha s-Sultan Tork, Melek l-Imgħażżem, u waqqa' wkoll kemm il-knisja oħra fl-Art Imqaddsa biex, minn għalih, ma jibqgħux imorru l-Insara minnħabba fihom.

Fis-sena 1341, ir-Rħieb Franġiskani ħadu f'idejhom iċ-Ċenaklu u bnew is-sala ta' fuq jew Għorfa Mqaddsa, kif inhi l-lum. Wara żmien inqala' wieħed Lhudi Spanjol, jismu Benjamin de Tudela, u xandar li taħt iċ-Ċenaklu jinsab il-Qabar ta' David. Billi Muħammed jsemmi fil-Quran lil David bħala profeta tal-Misilmin, il-Għarab, Misilmin, riedu l-qabar tiegħu li kien hemm taħt. Sultan ieħor Tork, Sliman it-II (dak in-nifsu li bagħat jagħmel assedju lil Malta fi żmien La Valette) amar li jitkeċċew mill-Għorfa Mqaddsa r-Rħieb Franġiskani, billi dawna kienu Nsara. U hekk il-Misilmin qatlu ħafna minnhom u keċċew il-bqija, fis-sena 1551.

Iċ-Ċenaklu dam f'idejn il-Misilmin sas-sena 1948, meta fil-Palestina tqabdu l-Għarab u l-Lhud. Dik is-sena ċ-Ċenaklu waqa' f'idejn il-Lhud, li wkoll jemmnu li taħtu hemm il-qabar ta' David. Għalhekk ftit li xejn hemm tama li jarġa' jiġi f'idejn is-sjied veri tiegħu: il-Franġiskani.

Fra KARITON, O.F.M.

# GAĦAN U L-QATTUSA.

Il-mara ta' Ġaħan kellha qattusa, li kienet fix-xitwa tmur torqod ġewwa l-kenun, fejn kien ikun hemm ir-rmied sħun, wara li l-mara ssajjar, għal hekk il-qattusa kienet tiġġemmed tgħidx kemm. Darba waħda kif il-mara ma kenitx id-dar, Ġaħan qabad il-qattusa u fettillu jaħsilha. Ġieb żingla, imlieha bl-ilma, għaddas fih il-qattusa u dilikha bis-sapun, u beda jogħrokha kif jogħorku l-ħwejjeġ. Kien għaddej raġel u raħ. Qallu: "Ġaħan, dik il-qattusa sa toqtolha. Int hekk taħsilha, donnok qiegħed taħsel qmis?"

"Għax għandha tmut?" raġa Ġaħan. "Le; xejn ma jiġrilha!"

Wara xi nofs siegħa dak ir-raġel raġa' għadda minn hemm u ra lil Ġaħan jibki, u saqsieħ x'kien ġralu. "Il-qattusa mietet. Hemm araha!" qallu Ġaħan. "Jien m'għedtlekx li sa toqtolha b'dak il-egħrik kollu?" qallu dak.

"Mhux tas-sew!" għajjat Ġaħan. "Ma metitx jien u naħsilha; mietet jien u nagħsarha qabel innixxifha!"



LIL WISQ REVERENDU

**PATRI LETTUR AKKURSJU XERRI, O.F.M., P.E.P.**

MINISTRU PROVINĊJALI TAL-PATRIJIET MINURI

EŻAMINATUR PRO-SINODALI

FL-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA U FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

EX-VIŻITATUR ĠENERALI

FIL-PROVINĊJA MINORITIKA TAL-INGILTERRA

F'EGĦLUQ IL-ĦAMSA U GĦOXRIN SENA

TAS-SAĊERDOZJU TIEGĦU

**LEĦEN L-ART IMQADDSA**

GĦAL QIMA LI GĦANDU LEJH U GĦAL ĠID LI SWIELU

JIXTIEQLU

GĦOMOR SAĦĦA RIŻQ HENA

FIL-ĠUBLEW TAD-DEHEB U TAD-DJAMANTI

*Ad Multos Annos*

---

# FESTA TAL-FAMILJA FRANGISKANA MALTIJA

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ġunju, fil-Knisja ta' Santa Marija "Ta' Ġesù", il-Belt Valletta, saret Festa ta' tiżżija ta' ħajr 'l Alla f'egħluq il-ħamsa u għoxrin sena tas-Saċerdozju tal-Wisq Reverendu Patri Lettur Akkursju Xerri, O.F.M., Ministru Provinċjali tal-Patrijiet Minuri ta' Malta. Billi l-imsemmi Patri għandu wisq għal qalbu l-Opra tat-Terra Santa, u dejjem wera qima u għen b'egħmilu u kliemu din ir-rivista, "Leħen l-Art

Imqaddsa'', ħassejna li tkun ħaġa xierqa li niktbu fiha dawn l-erba' kelmiet li ġejjin b'tifkira.

Il-Quddiesa Kantata tal-Provinċjal fil-Knisja "ta' Ġieżu" tal-Belt kellha tibda fid-9 ta' fil-għodu, imma biċċa sewwa qabel da'l-ħin, il-bankijiet kollha tal-Knisja u l-ftit siġġijiet kienu mimlija bin-nies, u kien hemm ukoll uħud li baqgħu bil-wieqfa. Fuq il-Presbiterju, f'postijiet speċjali kien hemm ukoll l-Arċisqof ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Gonzi (li fi tfulit il-Provinċjal kien Isqof ta' Għawdex) u l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Pace, li hu Isqof ta' Għawdex issa. 'L isfel mill-Presbiterju, fuq is-siġġijiet kien hemm jassistu r-Rappreżentanti tal-Kommunitajiet Reliġjużi ta' Malta u mistednin oħra. Il-W.R. Provinċjal kien assistit fil-Quddiesa mill-W.R. P. Nicola Magro, Kustodju tal-Provinċjal, bħala Presbyter Assistens, mill-P. Lettur Wistin Portelli bħala Djaknu u mill-P. Coppola, Suddjaknu. Il-Parrinijiet kienu l-Mons. Ġorġ Cefai, Dekan tal-Kattedral ta' Għawdex, Ziju tal-Provinċjal u s-Sur Ġużeppi Xerri, ħu l-istess Provinċjal.

Il-Quddiesa kantata b'mużka sabiħa bdiet fil-ħin, u qabel il-Kredu, il-Patri Gwardjan tal-Kunvent "ta' Ġieżu" għamel priedka bħala Paneġierku tal-okkażżjoni. Wara l-Quddiesa ingħatat il-Barka Papali u tkanta t-*Te Deum*, u wara l-Franġiskani u l-poplu marru biesu jdejn il-Provinċjal.

Kien hemm ukoll, fil-Parlatorju tal-Kunvent wirja tar-rigali li l-Provinċjal qala' minn għand il-ħbieb tiegħu għall festa tal-Ġublew tal-Fidda (jiġifieri ta' għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-ewwel Quddiesa). Kien hemm żewġ albi sbieħ tal-bizzilla, *taglia karte* tal-fidda, kemm il-waħda, pinen u klamari, kotba u statwi sbieħ, u wisq ħwejjeġ oħra, li noqogħdu nsemmuhom kollha ma hemmx għal fejn. Fil-kurridur tal-Kunvent kien hemm imħejji *repò* mill-aħjar.

* * *

Imma min hu l-Patri Provinċjal? Jixraq li ngħidu kelmtejn fuq ħajtu u ħidimtu għal xi ħadd li ma jafux.

Il-Wisq Reverendu Patri Lettur Akkursju Xerri twieled ir-Rabat ta' Għawdex fis-16 ta' Ġunju tas-sena 1915, minn omm u missier mill-aħjar ta' dik il-gżira li fil-Magħmudija semmewh Mikiel, għad-devozzjoni kbira li kellhom lejn san Mikiel Arkanġlu. Kif tfarfar ftit, fis wera l-ġibda li kellu għal ħwejjeġ tar-Reliġjon, u tgħallem bikri l-għajnuna tal-Quddiesa, u kien dali jilbes t'Abbati u jassisti fil-Funzjonijiet Reliġjużi fil-Kattedral. Wara daħal is-Seminarju ta' Għawdex u dam hemm jistudja sa kemm wasal għal Filosofija. Imbagħad ħass is-sejħa għal ħajja ta' Patri u libes iċ-ċoqqa Franġiskana u ħa l-isem ta' Akkursju, li hu wieħed mill-qaddisin Martri ewlenija tal-Ordni Franġiskan.

Fis-sena 1939 temm it-Teoloġija u kien ordnat Saċerdot, u billi kien magħruf għall-intelliġenza tiegħu u għall-imħabba lejn l-istudju, is-Superjuri tiegħu bagħtuh ikompli jitgħallem fl-"Università del Sacro Cuore", imwaqqfa minn Patri Professur Agostino Gemelli, l-Italja, fil-belt ta' Milan. Hemm għamel kors ta' Letteratura, imma ftit wara faqqgħet it-Tieni Gwerra Kbira, u fis-sena 1940 kellu jarġa' jiġi lejn Malta ħin bla waqt. Hawn kien innominat Lettur u Surmast tal-Istudenti u dam jagħmel dan ix-xogħol għal għoxrin sena sħaħ.

Billi kif kien minn ewl id-dinja, li

min iħobb jitgħallem iħobb ukoll jgħallem, hekk ukoll hu Patri Akkursju, li kellu, u għad għandu wisq għal qalbu t-tagħlim. Għal hekk, kif ġie Malta beda jgħallem. F'Għawdex barra mill-Istudenti Franġiskani, kien jgħallem ukoll il-Letteratura u l-Istorja tal-Filosofija fis-Seminarju tal-Isqof, u wara fetaħ il-kulleġġ ta' sant'Antnin fl-Imġarr, għad li dan il-Kulleġġ kellu jarġa' jagħlaq wara xi żmien.

Ħaġa li tiġi minnha fi bniedem mogħti għat-tagħlim, Patri Akkursju huwa predikatur mill-aħjar. U hekk, sa minn kif wasal Malta mill-Italja beda jkun dlonk mitlub biex jagħmel Paneġierki, u Eserċizzi Spiritwali fir-rħula ta' Għawdex, u wara kien imsejjaħ Malta, l-aktar għal dan ix-xogħol ukoll. Fiċ-Ċentenarju tad-Domma tal-Immakolata, meta għal daqshekk saret Akkademja fit-Tejatru Manwel, il-Belt, Patri Akkursju għamel taħdita mill-isbaħ hemmhekk. U fl-1960, għamel taħdita oħra fil-Misraħ il-Kbir tal-Furjana, f'egħluq il-Festi taċ-Ċentenarju ta' san Pawl.

Għal kemm Patri Akkursju ddedika ruħu għal tant xogħol, hu ma ttraskurax id-dmirijiet tiegħu fi ħdan l-Ordni Franġiskan li tant iħobb. Minn barra t-tagħlim li semmejna qabel, ħa sehem ta' ħidma fil-ħajja tal-Ordni. Kien Segretarju tal-Provinċjal, għal darbtejn; kien Definitur, u mbagħad Kustodju, u fl-aħħar Provinċjal, kif inhu l-lum. Ix-xogħol tiegħu għall-Ordni ma kienx biss f'Malta u Għawdex, għaliex kien ukoll magħżul bħala Viżitatur Ġenerali tal-Provinċja Franġiskana fl-Ingliterra, Missjoni delikata, li Patri Akkursju temmha b'sodisfazzjon tal-Patri Ġeneral tal-Ordni u ta' dik il-Provinċja Ingliża wkoll.

Issa l-Patri Provinċjal, Akkursju Xerri, iċċelebra l-Ġublew tal-Fidda tiegħu, ta' għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-ewwel Quddiesa. Għad għandu 49 sena, u għadu fl-aqwa tas-saħħa u l-enerġija tiegħu. Nixtiequlu kull Barka mill-Mulej, ħalli għal ħafna snin oħra jibqa' jaqdi d-dmir qaddis u mixhur tiegħu għal ġid tal-erwieħ u għal ġiħ ta' Malta u Għawdex, u għall-aktar ġiħ tal-Provinċja Franġiskana Maltija.

# L-ASPARAGUS TAL-FRANCIZI

Wieħed Għarbi mis-Salt, it-Transġordanja, mar ibiegħ iż-żbib Tunes, u meta raġa' lura lejn pajjiżu, kien qiegħed jitħaddet mal-ħbieb ġewwa ħanut u faħħar ħafna l-ikel Franċiż li kien jiekol hemm, u fosthom għolla sas-sema it-tjieba tal-asparagus (bil-Għarbi: *ħiljûn*) kif isajjruh il-Franċiżi.

Kien hemm Fellâh u qabeż qal: "Tas-sew, tas-sew tajjeb l-asparagus kif isajjruh il-Franċiżi! Xi tjuba! Ma hawn xejn li jħabbatha miegħu! Jinżillek għasel, u tiekol kemm tiekol, qatt ma tixba' minnu!" "Hux ta' bil-ħaqq?" raġa' dak. "Milli jidher inti wkoll kilt minnu!"

"Le, jien ma kiltx;" wieġbu dak." Imma naf sewwa, għax kont nisma' lin-nanna tgħid, li hi kienet tisma' jgħid lil missierha, li hu kien jaf wieħed raġel li z-ziju ta' nannuh darba kien mar Franza, u daqu!"

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Soru Maltija hejjiet l-ikel ghall-Papa** — Kif semmejna fil-ħarġa ta' qabel din, il-Papa meta kien Nazaret, wara l-quddiesa fil-Grotta tal-Lunzjata, ha "breakfast" fid-Dejr tal-Franġiskani. Il-mejda u l-ikel ħafif ħejjiethomlu soru Maltija, u hi sewwa sew dik is-Soru li ġibna r-ritratt tagħha fil-ħarġa 4 (Ottubru-Diċembru) tas-sena l-oħra ta' dan il-"Qari", jiġifieri Suor Marija Bjanka, mill-Mellieħa.

**Zewg Isqfijiet godda fil-Galilija** — Il-Papa, kif kien fil-knisja tal- Bejatitudni fuq ir-riħ tal-Baħar tal-Galilija, ħtar żewġ Isqfijiet ġodda, li huma Mons. Martin, li mar hemm isieħeb lil Papa, u Mons. Kaldâni, minn Màdaba, belt imdaqqsa fil-Ġordanja, 'l ġewwa mix-xmara tal-Ġordân. Dan l-aħħar sar Vikarju tal-Patrijarka fil-Galilija, flok Mons. Chiappero, li miet f'Ħajfa s-sena l-oħra.

**Ir-Re Husejn fl-Ewropa** — F'April ir-Re Husejn I tal-Ġordanja, mar iżur żjara lill-ħbieb tiegħu fl-Ewropa. Meta kien f'Londra kien mistieden għal "dinner" għand il-Majestà Tagħha r-Reġina Elisabeth II tal-Ingilterra u fil-11 ta' Mejju, kif kien l-Italja, għamel Żjara Uffiċċjali lil Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI, li laqgħu b'qima kbira. Il-Papa iżża ħajr lir-Re Ħusejn tal-laqgħa sabiħa li laqgħu meta f'Jannar li għadda mar iżur lill-Art Imqaddsa, u qallu li t-tifkira ta' dawk il-jiem imbierka li għadda fil-Pajjiż ta' Ġesù ma titħassar qatt minn moħħu. Il-Papa faħħar lir-Re Ħusejn għax-xogħol kbir li għamel biex jgħaddi 'l quddiem lil Saltnatu, u biex in-nies tiegħu jkollhom aktar riżq u sliema. Aċċertah ukoll li l-Kattolki tal-Ġordanja jibqgħu dejjem fidili lejh, bħala Re tagħhom, u jagħmlu minn kollox għal ġid tal-pajjiż, l-aktar fil-qasam tat-tagħlim u tax-xogħol soċjali. Il-Papa temm kliemu hekk: "Nitolbu 'l Alla li jħares u jżomm qawwija sħiħa l-Majestà Tiegħek u l-Poplu kollu tal-Ġordanja".

**Monsinjur Kaldani kkonsagrat Isqof** — Il-Vikarju l-ġdid tal-Patrijarka, Mons. Kaldâni, kien ikkonsagrat Isqof fid-9 ta' Frar li għadda ġewwa l-knisja kbira u sabiħa tas-Sależjani, li qegħda fuq muntanja qriba tħares għal ġewwa Nazaret. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Ħanna Kaldâni għad għandu biss 46 sena; twieled f'Madaba, studja għal qassis u qaddes f'Ġerusalêm u għamel ftit żmien bħala Kurat fil-Parroċċa ta' Jafa ħdejn Nazaret. Wara dan is-superjuri baghtuh jistudja Ruma fejn ha l-Lawrja tad-Dritt Kanonku u Ċivili. Is-Sede ta' Mons. Kaldâni tkun f'Nazaret.

**Bolli godda fil-Gordanja** — Il-Ħakma tal-Ġordanja ħarġet żewġ settijiet ta' bolli ġodda; sett ta' erbgħa, li jfakkar iż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa lill-Art Imqaddsa li fihom jidhru, wieħed kull naħa, ix-xbieha tal-Papa Pawlu VI u r-Re Husejn I; u s-sett l-ieħor, ta' tlieta, li jfakkar għeluq is-sentejn taċ-ċkejken Prinċep Għabd-Allah, werriet tat-Tron, u iben il-bikri tar-Re Husejn u l-Prinċepessa Muna (ex-Tony Gardiner, Ingliża). Fil-bolli tidher ix-xbieha taċ-ċkejken Prinċep, qawwi, ferħan u mbissem, ixejjer idejh. Il-Prinċep għalaq sentejn fit-30 ta' Jannar li għadda, imma l-bolli kienu maħruġa fl-ewwel ta' Marzu, biex ma jaħbtux flimkien mal-bolli tal-Papa.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

Ħal-LIJA — Bonaventura Borg, u Martha Borg. Pija, Ġużeppi, Feliċ u Dun Ġorġ, Prega. John u Grezzja Farrugia. Marissa Arrigo. Anselmu u Filomena Borg. Kola, Franġisku, u Suor Marija St. Luke. Rużâr Fenech. Karmena, Kelina, Toni, Marì, Pawlu, u Manwel Camilleri. Spiru Zammit.

Il-ĦAMRUN (San Franġisk) — Lwiġi Grech. Marija Bezzina. Marija u Ġużeppi Schembri. Ġorġ, Pawla, Ġanni u Lużarja Muscat. William u Kata Mallia. Ġużeppi, Manwel, Karmenu, Toni, Lunzjata u Karmenu Abdilla. Katarina u Frans Debono. Frank u Joe Attard. Ċensu, Antonjetta, Viċens, Wenzu, Adelajde, Karmenu, Sunta, Ewġenja u Marju Fabri-Pace. Ġużeppi u Karmenu Bugeja. Karmenu Sant. Susanna u Pawlinu Farrugia. Salvu, Guzman, Ġużi, Karmenu, Luċija u Ġanni Farrugia Ġanni Bugeja, Toninu Vella.

IL-MOSTA — Ġianmari, Ġużepp, Grezz, Filomen, Konċetta, Salvu, Marija, Gerita, Franġisku, Filippu u Marija Chetcuti. Karmnu, Vitor, Franġiska, Wenza, Katarina, u Lużâr Sultana. Salvu, Ġużepp, Ġanna, Pawla u Beneditt Borg. Grezzja, Veneranda, Karmenu Ġużeppa Ġużeppi u Paċifku Frendo.

BIRKIRKARA — Ġużeppi u Marija Grech. Marija, Ġuża, Karmena, Anġla, Galea. Marija u Manwel Demicoli. Modesta Borg, Salvu Zammit. Toni u Karmena Azzopardi Dlor Cassar. Ċensu, Pawlu u Margerita Borg. Karmenu, Karmena, Nazja, Marija u Pawlu Calleja. Ġorġ u Ġużeppi Portelli. Konċetta, Ruġġieru, Melita, Karmena u Madea Casingena. Marijanna, Percy, u Doris Carthrite. Madalena u Alfred Barbara. Karmena, Louis u John Bonnici. Saverina Borg, David Tabone. Pawlu u Mary Sultana. Nurâtu Cutajar. Pawlu Sillato. Ġużeppa Bondin. Anġlu u Nina Aquilina. Katarina, Toni u Pietru Azzopardi. Karmena Vella. Wiġi Zammit. Ġużeppa, Żafier, Karmenu u Ġużeppi Bezzina. Feliċa u Manweli Azzopardi. Ġerardu Schembri. Floru Vassallo. Franġisku Parnis. Antonja Muscat. Johnie u Ġużeppa Xerri. Krispin, Karmena u Marta Gorg. Ġużeppi Psaila. Marija u Pawla Borg. Karmenu u Ġużeppi Borg .Pawlu u Karmenu Sammut. Anthony Grima. Ġużeppi, Anna, Krispin u Marija Borg. Toni, Tereża, u Salvu Camilleri. Franġisku, Marija, Franġiska, Roberta, Karmenu, Feliċa, Vitor u Karmena Portelli. Karmena Spiteri. Anjieża Saliba. Sunta, Pawlu, Ġużeppi u Filippa Abela. Kostantinu u Madalena Muscat. Bernardina u Ġużeppi Azzopardi. Wenzu, Dolor, Ġużeppi u Ġanni Galea. Ġanni Grech. Andreja Danieli. Agosta u Duminku Sestito. Lwiġi Zammit. Feliċ Micallef. Karmena Borg. Mikiel u Manwel Portelli. Victor Attard. Ġiovanna Galdes. Rożina Pulo. Elena, Costantino, Manwela, Anġlu u Karmenu Borg. Karmena u Anġlu Calleja. Ġużeppi Debono. Suor Cristina. Ġużeppi Miallef. Wenzu, Ġanna u Joseph Grech.

Mananni Mangion. Katarina, Ġanna u Ġużeppi Farrugia. Franġisku u Censina Xwereb. Mary, Anthony u Elena Emeper.

RAĦAL ĠDID — Joseph Livori.

RABAT (Malta) — Marija Azzopardi, Karmenu Gauci. Pawlu Azzopardi.

ĦAL-LUQA — Karm... Cassar.

BORMLA — Karmena Degiorgio. Konċetta Cilia.

IŻ-ŻURRIEQ — Katarin, Salvu u Marija Zerafa.

IL-QALA (Għawdex) — Lorenzo, Karmena u Rożi Galea. Franġisku u Marjanna Cremona. Mikelina Sçerri. Ġużeppi u Marija Lanzon. Lunzjata Scerri. Toni, Karmena u Ġużeppa Buttigieg. Marija Mizzi. Ġużeppa, Konċetta, Salvina u Berta Portelli.

ĦAL-KIRKOP — Ġuża Bonnici. John Grech. Ġuża John u Bendu Camilleri. Anna Abdilla. Anna u Ġuża Camilleri. Katarina Leonard u John Grech. Carmela Salvu France Camilleri. Ċensa Zammit. Mary u Salvu Debono. Paola Nardu u Ċensu Debono. Salvu u Ġanna Falzon. Anna Asciak. Ġuża Farruġia. Nardu Attard. Carmela Pace. Joseph Ġuża Anna Frans Camilleri. Salvu u Joseph Debono. Betty Agius. Maria Camilleri. Carmen Wiġi John Frans Carmelo Polidano. Joseph Joseph Camilleri. Grazzia Carmelo u Nardu Bartolla. Nardu Katarina Salvu John Frans Guża Cassar. Doris Mary Frans Anġlu Nardu Andru Carmela u Leonard Vassallo. Mary Ellul. Virginia Azzopardi. Frans u Nardu Sacco. Carmen Balzan. Nardu Bartolla. Mary Anġla u Frans Agius. Marya Joseph Ġuża Busuttil. Mary Agius. Nardu Nicolina Carmen Falzon. Ġuża Betty Falzon. Wiġi u John Polidano. Frans Carmen John Salvu Polidano. Carmen u Paul Agius. Carmen Debono Vitorin Farrugia. Anna Nardu Carmen u u Grezz Bartolo Frans u Ġuża Azzopardi. Carmen Debono Katarin Spiteri Paola Spiteri Loreta Callus. Joseph u John Grech. Rosa u Frans Teuma. Konċetta u Nardu Asciak. Guża Cassar. Ġanna Teuma. Ġuża u Modest Grech. Michael Dimech. Maria u Salv Grech. Konċetta Farruġia Ġużi Cutajar. Dennis Ġuża u Joseph Bonet. Ġuża Bendu Ġanna aCrmen Falzon. Andru u Speranza Barbara. Paul u Carmen Agius. Nardu Joseph Azzopardi. Nicolin u Carmen Debono. Frans Polidano Mary Galea Ninu Borg. Paul Loreta Carmen u Katarin Spiteri. Ġanna u Ġużi Farrugia. Carmen Mercieca. Michaele Kirkop. Serafinu Michaele Sacco. Mudest u Bendu Kirkop. Ċensu u Rosa Kirkop; Remiġ u Maria Spiteri. Anru Filippa u John Criscti. Mary u Salvu Grech. Konċetta Farrugia Katarina Agius.

VALLETTA — Ġuża, Censu, Karmela Teresa Willie Michaele Bons. Ġioacchino u Ġużi Vella. John Armeni John Grima. Dolores Xerri Pietro Paolo Xerri. Carmelo Bonnici Salvu Bonnici Paolo Grima. Ġuża Coreschi Gużi Annetta Bone.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*